

NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

JANNAR – APRIL 2013

Nru 186

## IL-ĦAĠAR – HEARTOFGOZO
### Ftuħ uffiċjali tal-Mużew tal-Bażilika
22-24 ta' Frar 2013









Il-Ġimgħa 22, is-Sibt 23 u l-Ħadd 24 ta' Frar 2013 inkitbu paġni tad-deheb fl-istorja tal-Komunità Parrokkjali Ġorġjana. Sa fl-aħħar, il-ħolma ta' missirijietna, il-viżjoni tal-Fondazzjoni Belt Victoria u l-ħidma ħabrieka tal-voluntiera tagħha, l-appoġġ finanzjarju ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Gvern Malti, is-sapport ġeneruż ta' tant benefatturi, il-ħila artistika ta' l-artiġjani u l-ħaddiema .. dawn kollha taw il-frott mixtieq: l-Inawgurazzjoni Uffiċjali tal-Mużew Storiku u Ċentru Kulturali tal-Bażilika ta' San Ġorġ, *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*, fi Pjazza San Ġorġ.

Din l-edizzjoni tar-rivista tal-parroċċa *Il-Belt Victoria* fiha d-dokumentazzjoni kollha importanti marbuta ma' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li saru fil-Belt Victoria: rapport, diskorsi, ritratti, u tagħrif ieħor.

*www.heartofgozo.org.mt*

» **araw paġni 13-30**

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Għexna l-Istorja

M'hix ħaġa ta' kuljum li l-Knisja Kattolika jkollha żewġ Papiet ħajjin fl-istess żmien! Id-deċiżjoni li ħa l-Papa Benedittu XVI fi Frar li għadda li jirriżenja, għalkemm ixxukkjatna, kienet fiha nfisha ħaġa straordinarja li tikxef l-umiltà u l-qdusija ta' dan il-bniedem kbir. L-istorja – skond min jiktibha – tista' tiġġudika lil Benedittu b'modi differenti, imma hu ta' min ifaħħar il-kuraġġ tad-deċiżjoni tiegħu, fejn, kif stqarr hu stess, għaraf li kienu qed jonqsuh il-ħiliet kollha meħtieġa biex imexxi l-Knisja Kattolika. Żgur li ser nibqgħu ngħożżu l-omeliji, l-enċikliċi u l-kitbiet l-oħra maġisterjali li ħarġu minn idejn il-Papa Benedittu tul il-pontifikat tiegħu, bħalma żgur li ser nibqgħu niftakru ż-żjara storika li għamel f'pajjiżna fl-2010. It-tliet volumi ta' Ratzinger dwar il-ħajja ta' Ġesù Kristu huma wkoll teżor imprezzabbli ta' tagħlim u għerf li jirriflettu l-ġenju u l-ispiritwalità profonda tat-teologu.

Bejn Frar u Marzu li għaddew rajna proċess li fih il-Knisja ġġeddet, u l-Ispirtu s-Santu għal darb'oħra nqeda bil-voti tal-kardinali biex tana bniedem kbir ieħor bħala Vigarju ta' Kristu fuq din l-art: il-Papa Franġisku. Mill-ewwel jiem ilmaħna s-sensibbiltà kbira ta' dan il-Papa, bniedem qrib ta' Alla u qrib tal-merħla tiegħu li hi l-Knisja. Bl-għażla ta' ismu bħala Papa, Jorge Mario Bergoglio jrid jimxi fuq il-passi ta' San Franġisk, persuna li għexet fil-faqar u fis-sempliċità, u li ħabbet il-Knisja minkejja n-nuqqasijiet tal-bnedmin li jiffurmawha. Hu ta' ferħ kbir ukoll għalina li Mons. Alfred Xuereb, wild din il-parroċċa Ġorġjana, inħatar bħala l-assistent personali tal-Qdusija Tiegħu. Min jaf jekk għadx ikollna l-opportunità li lill-Papa Franġisku narawh hawn fostna!

## KRONAKA PARROKKJALI

### *Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

| | |
|---|---|
| 05/01/2013 | **Emily Victoria**, bint Anthony Briffa u Samantha Pantelleresco |
| 10/02/2013 | **Lee**, bin Svetlana Incorvaja |
| 30/03/2013 | **Clara**, bint Dennis Xuereb u Mariella Camilleri |
| 05/04/2013 | **Blake**, bin Karol Mifsud u Amanda Buttigieg |
| 06/04/2013 | **Karl**, bin Michael Paul Lanzon u Maria Mallia |
| 07/04/2013 | **Elisa**, bin Jason Vassallo u Romina Borg |
| 14/04/2013 | **Claire**, bin Kevin Pisani u Lorna Sacco |
| 20/04/2013 | **Gabriel**, bin Christopher Attard u Sue Ellen Vella |
| 27/04/2013 | **Neil**, bin Noel Cini u Beverlene Borg |
| 28/04/2013 | **Jan**, bin Jeremy Vella u Maria Grima |
| 28/04/2013 | **Ann**, bint Elvin Vasallo u Adriana Terribile |

### *Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

| | |
|---|---|
| 27/04/2013 | **Marylyn Attard u Charlon James Xerri** |

### *Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

| | |
|---|---|
| 07/01/2013 | **Dolora Gatt** |
| 18/01/2013 | **Ġużeppi Agius** |
| 24/01/2013 | **Carmela Said** |
| 30/01/2013 | **Carmelo Refalo** |
| 04/02/2013 | **Marċell Mizzi** |
| 06/02/2013 | **Grace Micallef** |
| 10/02/2013 | **Carmelo Coleiro** |
| 10/02/2013 | **Pauline Vella** |
| 17/02/2013 | **Giovanni Attard** |
| 18/02/2013 | **Teresa Grech** |
| 24/02/2013 | **Maria Grech** |
| 10/03/2013 | **Carmela Vella** |
| 01/04/2013 | **Filomena Attard** |
| 03/04/2013 | **Vincenza Mercieca** |
| 10/04/2013 | **Concetta Buhagiar** |
| 13/04/2013 | **Joseph Grech** |

## DONAZZJONIJIET

Grazzi mill-qalb lil dawk li wieġbu għall-appell tagħna għal iktar donazzjonijiet b'riżq din ir-rivista:
Paul M. Cassar (Victoria) – €25 | Mons. Coronato Grima (Victoria) – €20 | Joe Cini (Victoria) – €20 | Paul Caruana (Victoria) – €20 | Michael Pace (Ħ'Attard) – €10 | Dun Ġużepp Saliba (Żebbuġ) – €5 | Maria Farrugia (Victoria) – €5

*Komplu għinuna, għax neħtieġu ħafna iżjed! Ibagħtu d-donazzjonijiet tagħkom (f'ċekk indirizzat lill-Bażilika ta' San Ġorġ) fuq l-indirizz tagħna, inkella wassluhom personalment fl-Uffiċċju Parrokkjali.*

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Mons. Anton Borg, Mario Casha, Andrew Formosa
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Feliċ Micallef, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# Il-Fidi hija l-isbaħ rigal

Mons. Anton Borg

*Is-Sena tal-Fidi (1)*


1

Li temmen hu li tafda lil xi ħadd li taf li hu aħjar minnek, li l-għerf tiegħu hu ta' min jorbot fuqu, hu ta' min jafdah... It-twemmin u l-fiduċja jmorru flimkien: li temmen ifisser li qed tissupera l-fiduċja fik innifsek u jkollok fiduċja f'ħaddieħor.

Fil-ħajja tagħna lkoll ikollna bżonn li nafdaw f'xi ħadd, inkella ma nistgħux ngħixu f'soċjetà, ma nistgħux inkunu nafu kollox u lanqas nagħmlu kollox. Irid ikolli fiduċja fit-tabib li qed jeżaminani, f'dak li qed isajjar fil-kċina l-ikel li ser niekol fir-restorant, fil-mekkanik li qed isewwili l-karozza, u fil-pilota ta' l-ajruplan li ser iwassalni qawwi u sħiħ. Li temmen, aktar milli tafda l-kliem ta' wieħed jew milli tapprezza l-ħidma ta' wieħed, hu li temmen fil-persuna li tkellmet jew li ħadmet.

F'ħajjitna jiġu mumenti fejn kull individwu jkollu jagħmel mistoqsijiet profondi fil-ħajja tiegħu. Huma mistoqsijiet li jmissu t-tmiem tal-ħajja umana, u jekk m'hemmx tweġiba serja għat-tmiem tal-ħajja, lanqas hemm tweġiba serja għall-valur jew l-għan ta' ħajjitna. Il-ħajja hija sabiħa u l-bniedem igawdi mhux biss l-intelliġenza li biha kapaċi josserva u japprezza l-ħolqien bil-ħlejjaq kollha tiegħu, imma wkoll il-libertà li biha jibni dak li jara sabiħ u ta' ġid għalih. Li tibni dinja aħjar u isbaħ bil-kumditajiet kollha għall-bniedem, li tirbaħ u tfejjaq kull tip ta' mard li jmiss lill-bniedem, li toħloq soċjetà aktar umana mibnija fuq id-dinjità tal-persuna umana, dawn huma għanijiet sublimi. Iżda l-bniedem iħoss ġo fih xi ħaġa li timbuttah lil hinn minn kull ħaġa li jista' jakkwista jew li jista' jaspira, kważi kważi tinbuttah lil hinn minnu nnifsu, lejn Xi Ħadd li hu biss jista' jimlielu ħajtu. Ħafna drabi dan ix-Xi Ħadd nidentifikawh ma' l-imħabba ġenwina li hija biss tagħti għan u valur lil ħajjitna.

Hawn nixtieq nirrifletti fuq x'nifhem b'fidi. Hu dak t-twemmin li għenni f'ħajti nagħti tweġiba għall-mistoqsijiet profondi fil-ħajja tiegħi ta' Nisrani u ta' bniedem iddedikat għall-ġid ta' ħuti. Temmen hu li temmen f'persuna li l-għerf tagħha hu akbar minn tiegħek, li quddiemha tara x-xejn tiegħek, li tagħtik tifsira vera tat-tmiem ta' ħajtek u b'hekk tat għan u valur lil ħajtek; hu dak li jidentifika ruħu ma' l-imħabba, li tingħata b'mod ġenwin lil ħutek. Dan hu Alla, il-Missier ta' Ġesù Kristu.

Alla ħalla lill-bniedem għal bosta snin jgħix fid-dlam, ħalla lill-bniedem ifittxu u ħallih jidentifikah ma' ħafna tipi ta' enerġija, bħall-ilma, in-nar, l-art u l-istess qawwa li toħloq; eżempju ċar huma t-tempji neolitiċi li hawn pajjiżna, f'Malta. Imma Alla tkellem, u fil-Kelma miktuba u ispirata nsibu dak li hu Alla u dak li hu l-bniedem. Li tkun midħla tal-Kelma jfisser li, aktar minn għerf li jista' jibdel u jibni lill-bniedem, li ser tidħol f'intimità ma' Dak li jridek tkun il-*partner* tiegħu f'din il-binja ta' dinja aħjar u ta' soċjetà aktar umana mibnija fuq l-imħabba u fuq id-dinjità tal-persuna umana.

Il-fidi tan-Nisrani hija fidi f'Ġesù Kristu, il-Kelma ta' Alla li sar bniedem u ġie jgħammar fostna. Alla tant ħabb il-bniedem li mhux biss daħal fi djalogu intimu ta' mħabba miegħu, imma bagħat lil Ibnu biex jerġa' jsaħħaħ dan id-djalogu li kien ġie mċajpar bid-diżubbidjenza tal-bniedem. Ġesù hu l-Iben ta' Alla u hu dejjem setgħan. "Il-fidi tiegħek fejqitek", kien iħobb jgħid Ġesù lil kull min talbu fejqan: lill-agħma ta' Ġeriko, lill-mara Kangħanija li talbitu l-fejqan ta' bintha, lill-mara bit-tnixxija tad-demm... Ġesù kien setgħan anki meta deher bla saħħa, quddiem Pilatu li qallu "Għandi s-setgħa nsallbek u neħilsek", u hu wieġbu li ma kien ikollu l-ebda setgħa li ma kienx minħabba Missieru. Quddiem Pilatu kien l-istess persuna li qajjem lil Lazzru mill-mewt, u lill-ħalliel qallu: "Il-lejla tkun miegħi l-Ġenna". Ġesù msallab hu turija ta' l-ikbar imħabba. Kien il-mument tal-glorja, għax wettaq dak li talbu Alla, il-Missier

Il-fidi hija twemmin fil-Kelma ta' Alla, f'Alla l-Missier li daħal fi djalogu mal-bniedem, fl-Iben li sar bniedem biex jingħata kollu mħabba lill-bnedmin, fl-Ispirtu Santu li jnebbaħ kull bniedem biex jagħraf il-verità u s-sewwa. Ġesù waqqaf ukoll komunità biex ixxandar il-messaġġ tal-Bxara t-tajba lill-bnedmin kollha, u għalhekk in-Nisrani jemmen fit-tagħlim tal-Maġisteru tal-Knisja li jfisser il-Kelma ta' Alla. Għan-Nisrani l-fidi trid tkun personali, twemmin li wieħed ikun konvint minnu, imma wkoll ekkleżjali, mela trid tkun il-fidi tal-Knisja. Ma nistax ngħid li jien Kristjan billi ngħid li nemmem f'Ġesù Kristu imma mhux fil-Knisja, li fir-realtà hija l-Ġisem Mistiku tiegħu. Għidt li għandi nkun konvint mit-twemmin tiegħi, u dan ifisser li għandi nevanġelizza l-ewwel lili nnifsi biex nista' nevanġelizza lil ħuti, li hu dmir tiegħi u mhux xi kapriċċ li nagħmlu jekk jogħġobni.


2

Il-fidi tiġi mis-smigħ, imma trid tissarraf f'għemil koerenti miegħu. Kif nista' ngħid li nħobb lil Alla u lil Ġesù u ma nħobbx lil ħuti li ngħix magħhom il-ħin kollu, li magħhom naqsam il-ferħ u n-niket tal-ħajja? Dan hu l-kmandament ta' Ġesù: li nħobb lil Alla tiegħi bl-enerġija kollha tiegħi u li nħobb lil ħuti kif ħabbhom hu. Kemm hija sabiħa l-fidi! Dan hu l-isbaħ rigal li għandna, hu isbaħ mill-istess ħajja. Għalhekk ħafna Nsara, inkluż San Ġorġ, iċċaħħdu mill-ħajja biex jgħixu l-fidi f'Ġesù u rawha l-isbaħ rigal li tahom Alla, għax fl-aħħar mill-aħħar id-don tal-fidi hu rigal ta' Alla lill-bniedem.

Kien xieraq li l-Papa Beneditu XVI ddedika din is-Sena tal-Fidi biex napprezzaw ċan id-don tant sabiħ li bih nifhmu min hu Alla u min aħna, ulied il-Missier għani fil-ħniena u f'Ibnu li ġie jgħammar fostna biex jurina li aħna lkoll aħwa.


3

**Ritratti**
**1** Dettall mill-abside tal-mużajk (seklu tnax) fil-Katidral ta' Cefalù, Sqallija, li juri lil Kristu Pantokrator.
**2** Il-fidi tiġi mis-smigħ.
**3** Il-fidi tan-Nisrani hija fidi f'Ġesù Kristu.




# Infakkru lill-Qaddejja ta' Alla
## Madre Margerita De Brincat

Mons. Ġużeppi Gauci

***Congresso Odierno De Brincat***
*Ufficio Postulazione Generale*

*Reverenda Madre Vitaliana,*

*Ho il piacere di comunicarLe che il Congresso peculiare 'super virtutibus' della Serva di Dio Madre Margherita De Brincat, celebratosi questa mattina presso la Congregazione delle Cause dei Santi e presieduto dal Rev.mo Promotore della Fede, mons. Carmelo Pellegrino, ha avuto* ***esito pienamente favorevole****. I nove Consultori Teologi hanno espresso il loro voto positivo, dopo aver studiato e valutato la Positio 'super vita et virtutibus'.*

*Il testo dei nove voti e della Relazione del Congresso comporrà il fascicolo che insieme alla Positio servirà per essere sottoposto al giudizio dei Padri Cardinale e Vescovi riuniti in Congregazione Ordinaria. Per questa nuova tappa trascorreranno alcuni mesi.*

*Ringraziamo il Cuore di Gesù, che ci dona la gioia di vedere la sua umile Serva Madre Margherita De Brincat avviata verso il traguardo della beatificazione. Chiedete grazie perché il cielo è aperto!*

***Fr Giovangiuseppe Califano, ofm***
*Postulatore generale*
*13/4/2013*

B'din l-email, il-Postulatur Ġenerali tal-Kawża tal-Beatifikazzjoni ta' Madre Margerita ħabbar lis-Superjura Ġenerali u lill-Kunsill u l-Kongregazzjoni tagħha dan il-pass importanti fil-Proċess tal-Fundatriċi, Madre Margerita De Brincat. Ftit wara, din l-email ġiet mgħoddija lili wkoll mill-istess Superjura Ġenerali, u qed nibda din il-kitba tiegħi biha, minħabba l-importanza tagħha.

### Tifkiriet anniversarji tul l-2012

Matul is-sena 2012 għamilna diversi tifkiriet ta' Madre Margerita bl-għan li jikber l-interess ta' l-Għawdxin f'din il-Qaddejja ta' Alla u jitolbu ħalli l-proċess tal-beatifikazzjoni tagħha ma jdumx ma jasal għall-konklużjoni pożittiva tiegħu. Fuq kollox, għamilna diversi ċelebrazzjonijiet fil-Bażilika tagħna fejn ġiet mgħammda l-Fundatriċi u fejn, fil-madwar tagħha, tnisslet u kibret il-Kongregazzjoni tagħha. Nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar 2012, fil-fatt, fakkarna s-sittin anniversarju ta' mewtha b'Quddiesa li fiha ħadu sehem attiv it-tfal ta' l-Iskola Primarja *St Francis* u bosta ġenituri tagħhom. Fit-28 ta' Novembru 2012, imbagħad, fakkarna bil-kbir il-150 anniversarju tal-Magħmudija tal-Madre, li saret f'din il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fl-istess jum li fih twieldet fir-raħal Ta' Kerċem. Mons. Isqof Mario Grech iċċelebra Quddiesa bis-sehem tat-tfal ta' l-istess skola, li wara l-Vanġelu ppreżentaw dramm qasir dwar il-Qaddejja ta' Alla. Kien hemm preżenti ħafna mill-ġenituri tat-tfal u bosta membri tal-komunità parrokkjali tagħna. Flimkien ma' Mons. Isqof ikkonċelebraw Mons. Arċipriet Pawlu Cardona u diversi saċerdoti mill-Presbiterju Parrokkjali.

### Sa minn twelidha, "maħbuba ta' Ġesù"

Dawn iż-żewġ ġrajjiet tat-28 ta' Novembru, li seħħu f'jum wieħed fis-sena 1862, kif kienet l-uzanza dak in-nhar, jikkumplimentaw lil xulxin u kienu l-bażi li fuqhom inbniet

il-ħajja ta' din il-persuna importanti għal pajjiżna u għall-Knisja Universali. Bi twelidha bdiet il-ħajja tagħha u bil-Magħmudija tagħha bdiet mixja spiritwali li l-lum qegħdin nistennew ir-riżultat tagħha bil-Beatifikazzjoni. Nitolbu biex kif il-Mulej minn dak in-nhar 'l hawn għoġbu jinqeda b'din il-persuna biex permezz tagħha seħħu diversi pjani qaddisa tar-rieda tiegħu, hekk ukoll fi żmien mhux 'il bogħod tkun tista' sseħħ it-tkomplija perfetta ta' dawn il-pjani tiegħu, billi narawha msebbħa mill-Knisja Omma.

Mill-bidu, anzi "sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja", il-Mulej għażel lil Madre Margerita biex tkun tiegħu. Nissel f'qalbha mħabba kbira għalih, żejjinha b'karattru mimli virtujiet umani u Kristjani u nissel f'qalbha ħeġġa kbira għall-ġid ta' l-erwieħ. Minħabba f'hekk, mal-mixja taż-żmien uriet b'mod ċar li trid *"tħobb l-Imħabba"*, li trid tagħmel lil Kristu "mudell tassew ħelu" tal-ħajja tagħha, u li trid timpenja ruħha bil-qawwa kollha "biex l-Imħabba tkun magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien". Fil-bidu ta' żgħożitha saret *"stilla tiegħi"* tal-Qalb ta' Ġesù, żviluppat f'ħajjitha "spirtu Franġiskan" mill-aqwa, injettat lill-komunità tas-sorijiet tal-bidu u ta' warajha bl-ispirtu tagħha, biex il-lum għandna eżerċtu kbir ta' sorijiet li ħafna minnhom diġà daħlu fl-eternità qabilha jew warajha u li lkoll għexu, jew għadhom jgħixu, ħajja mnebbħa mill-kariżma li għaddietilhom. Il-lum qed naraw ukoll għadd ta' lajċi fl-Assoċjazzjoni ta' l-Istilel, jitħeġġu bl-ispiritwalità tagħha u jgħixu l-appostolat moħbi *tar-riparazzjoni* bl-għan li jixorbu mill-għajn spiritwali tagħha. Riedet tkun "vittma ta' riparazzjoni" u bit-tagħlim tagħha tfakkarna bla waqfien f'din il-ħidma moħbija u ta' qawwa spiritwali kbira.

**Mgħammda San Ġorġ**

Twelidha mill-ewwel ġie mżejjen bil-qawwa tas-Sema mogħtija mis-sagrament fundamentali tal-ħajja Nisranija li Madre Margerita rċiviet fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ Martri. Aktar tard bdiet tiltaqa' ma' l-Għarus Maħbub tagħha wara l-Ewwel Tqarbina, issaħħet bil-Konfirmazzjoni biex titqabad it-taqbida tal-fidi, u bil-Konsagrazzjoni Reliġjuża wasslet għall-perfezzjoni dak li rċiviet bis-sagramenti tal-bidu tal-ħajja Kristjana tagħha. Il-missjoni tagħha kienet tidher li hi msoqqija mill-qawwa sagramentali: il-kapaċità tagħha biex "dejjem ittenni l-*Fiat*", il-kuraġġ biex "tintelaq għal kollox fit-tmexxija tal-Providenza Divina", il-ħidma bla nifs "biex tkebbes il-fjamma Ewkaristika fost kulħadd u kullimkien", ix-xewqa ħerqana tagħha biex ikollha sorijiet "innamrati mill-Għarus Imsallab Ġesù", l-għatx kbir li "issalva l-erwieħ li jiswew id-demm tas-Salvatur ħelu tagħna"... dan kollu kien ir-riżultat tal-qawwa tas-Sema li ġejja mill-"Providenza li dejjem turina l-ħarsien li neħtieġu".

**Spiritwalità li tgħinna ngħixu s-Sena tal-Fidi**

Madre Margerita, bl-ispiritwalità tagħha tista' tkun ta' għajnuna kbira għalina hekk kif qed niċċelebraw mal-Knisja Universali s-Sena tal-Fidi, mixtieqa mill-Papa Benedittu XVI fl-okkażjoni tal-ħamsin sena mill-bidu tal-Konċilju Vatikan II u fl-okkażjoni ta' l-għoxrin sena mill-pubblikazzjoni tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika. Mit-twelid u l-Magħmudija tagħha, mija u ħamsin sena ilu, għaddew disgħa u tmenin sena li fihom il-Mulej inqeda b'Madre Margerita biex *"l-Imħabba tkun magħrufa u maħbuba"*. Fl-2012 fakkarna s-sittin anniversarju minn mewtha u din is-sena, l-2013, diġà fakkarna l-61 anniversarju tal-jum meta fit-22 ta' Jannar, mill-*Casa Madre* fi Triq Palma, ruħha ttajret lejn is-Sema. Madre Margerita kienet persuna li għexet kull sitwazzjoni ta' ħajjitha b'viżjoni ta' fidi prattika. Kellha fidi li saret abbandun sħiħ fil-Providenza ta' Alla: għexet fidi qawwija u ħajja fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, f'Ġesù Msallab u fil-Priġunier ta' l-Imħabba fl-Ewkaristija. Kienet persuna li, għax emmnet fil-Knisja u fil-ħtieġa ta' l-evanġelizzazzjoni, rawmet Kongregazzjoni biex tagħmel l-Imħabba magħrufa u maħbuba minn kulħadd. Dan l-eżempju jista' jgħinna biex nilħqu l-għan tas-Sena tal-Fidi kif imħabbar mill-Papa fil-*Porta Fidei*: li lkoll ngħixu konverżjoni vera li tgħinna nduru lejn il-Mulej, u kif qed isejħilna bla waqfien il-Papa Franġisku.

**Lejn il-Beatifikazzjoni**

Aħna u niftakru f'dawn l-anniversarji sbieħ fil-ħajja ta' din l-Fundatriċi, li fakkarna b'mod xieraq f'dawn l-aħħar żminijiet, kif ukoll fil-ġrajja sabiħa u importanti tat-13 ta' April 2013 li bdejt biha din il-kitba tiegħi, tajjeb li nġibu quddiem għajnejna lil din il-persuna affaxxinanti, mhux biex noqogħdu nistagħġbu biha, iżda biex nippruvaw nimitawha f'dak li hu l-aktar ċar fl-ispiritwalità profonda tagħha. Anki jekk inħossu l-ħtieġa li nitolbu ħalli ma ddumx ma sseħħ il-ġrajja mixtieqa tal-Beatifikazzjoni, dan nagħmluh mhux għas-sempliċi raġuni li ngħidu li l-Fundatriċi saret Beata, imma biex inkunu nistgħu nistrieħu aktar fiż-żgur fuq tagħlimha u biex l-eżempji ta' ħajja qaddisa li ħallietilna jkunu jistgħu jaslu fost aktar bnedmin ta' rieda tajba.

*Mons. **Ġużeppi Gauci**, saċerdot mill-parroċċa ta' San Ġorġ, studja u kiteb ħafna dwar l-ispiritwalità ta' Madre Margerita De Brincat, u jgħin fil-formazzjoni tan-Novizzi fi ħdan il-Kongregazzjoni tagħha. Il-kontribut tiegħu kien siewi ħafna fil-Proċess tal-Beatifikazzjoni tagħha.*





**Ritratti** mill-Quddiesa tat-28 ta' Novembru 2012 fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fl-okkażjoni tal-150 anniversarju mit-twelid tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat.

# Fil-knisja u l-parroċċa ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex 1944-1954
## It-Tielet Parti

*L-istoriku* Winston L. Zammit *jissokta bit-tielet u l-aħħar parti ta' l-artiklu tiegħu dwar il-parroċċa ta' San Ġorġ fi żmien l-Arċipretura ta' Mons. Mikiel Cefai (1891-1981).*

**Festi oħra**

Minn barra l-Festa Titulari ta' San Ġorġ u l-Kwaranturi Solenni, matul is-sena fl-istess knisja kienu jsiru għadd ta' festi oħra.

F'Jannar kienet issir il-festa ta' Ġesù u Marija, u nsibu li fil-festa ta' l-1948, fil-purċissjoni li saret fil-għaxija bl-istatwa ta' Ġesù u Marija, ħadet sehem il-Banda *La Stella*. Fl-1953, din il-festa saret il-Ħadd 4 ta' Jannar, u fil-għaxija ħarġet il-purċissjoni bis-sehem tal-Banda *Il Leone*.[59]

F'Jannar 1949, il-festa ta' San Ġwann Bosco, Patrun ta' l-Oratorju, ġiet ukoll iċċelebrata fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Nhar il-festa fil-għodu kien hemm Quddiesa Kantata u fil-għaxija niseġ il-paniġierku Patri Alan Fenech OP.[60]

Fi Frar kienet issir il-festa tal-Madonna ta' Lourdes. Fl-1948, qabel il-festa sar Tridu ppriedkat minn Dun Tarċisju Gatt. Nhar il-festa sar Għasar bil-mużika u niseġ il-paniġierku Mons. Luigi Galea. Fil-għaxija saret il-purċissjoni bl-istatwa, iżda ma ħaditx sehem il-Banda *La Stella* billi l-purċissjoni nbidlet f'pellegrinaġġ għall-knisja tal-Kapuċċini b'talb għax-xita.[61]



1

Imbagħad, nhar il-Ġimgħa l-Kbira mill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kienet toħroġ il-purċissjoni bil-vari tal-Misteri tal-Passjoni, bis-sehem ta' xi waħda miż-żewġ baned tar-Rabat. Fil-purċissjoni tas-snin 1948 u 1954 ħadet sehem il-Banda *Il Leone*,[62] filwaqt li f'dik ta' l-1951 ħadet sehem il-Banda *La Stella*.[63]

Wara l-Għid, kienet issir il-festa ta' San Ġużepp. Fl-1948 il-festa saret fit-tielet Ħadd ta' l-Għid. Niseġ il-paniġierku Mons. Ġorġ Cefai u l-funzjonijiet kollha kienu akkumpanjati bil-mużika ta' Dun Ġużepp Debrincat.[64] B'rabta mal-festa ta' San Ġużepp ta' l-1954 inkiteb hekk: "Ta' kull sena Mons. Isqof ikabbar is-solennità ta' din il-festa billi jagħti l-Barka Sagramentali".[65]

Fit-tielet Ħadd ta' Settembru, ta' kull sena f'San Ġorġ kienet tinżel il-purċissjoni mill-Katidral, bis-sehem tal-Kapitlu tal-Katidral, bl-istatwa ta' Sant'Ursla. Fl-1954 din il-purċissjoni saret il-Ħadd 19 ta' Settembru. Il-purċissjoni daħlet fil-knisja ta' San Ġorġ, fejn saret Quddiesa Kantata minn Mons. Carmelo Hili. Wara, il-purċissjoni reġgħet lura lejn il-Katidral.[66]

Fix-xahar ta' Settembru, fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, kienu jsiru tliet festi: tas-Salib Imqaddes, tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja u ta' San Mikiel. Dwar il-festa tas-Salib ta' l-1947 insibu li saret il-purċissjoni tas-Salib li daret mat-toroq prinċipali tar-Rabat. Fl-1948 il-festa saret fl-14 ta' Settembru u l-paniġierku sar minn Dun Ġużepp Debrincat.[67]

Fil-21 ta' Settembru kienet issir it-tifkira tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Fl-1947, f'dik it-tifkira saru funzjonijiet lejlet u nhar il-festa.[68]

Imbagħad fid-29 ta' Settembru kienet issir il-festa ta' San Mikiel Arkanġlu, li kellu Altar u Fratellanza fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Il-Prokuratur kien Dun Karm Sacco.[69]

Fix-xahar ta' Novembru kienu jsiru l-festa tal-Madonna ta' Fatima, l-Eżerċizzi tal-Qalb ta' Ġesù, u l-festa ta' Santa Katarina. Fl-1954 il-festa tal-Madonna ta' Fatima saret il-Ħadd 14 ta' Novembru, b'purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna bl-akkumpanjament ta' l-Għaqdiet u x-Xirkiet kollha tar-Rabat.[70]

Fl-1947 il-Priedki tal-Qalb ta' Ġesù bdew il-Ħadd 23 ta' Novembru u l-predikaturi kienu Mons. Luigi Galea u Patri Wistin Micalelf OSA.[71] Fis-sena ta' wara, l-1948, dawn il-priedki saru minn Patri Anġlu Pizzuto OSA.[72]

Imbagħad fil-25 ta' Novembru kienet issir il-festa ta' Santa Katarina, li kellha Altar iddedikat lilha. Fl-1947, f'din il-festa ffunzjona Dun Karm Sacco u l-paniġierku sar minn Dun Anton Grech Vella.[73] Fis-sena ta' wara, l-1948, il-paniġierku ta' din il-festa sar minn Dun Ġużepp Farrugia Vella.[74]

Fit-2 u t-3 ta' Diċembru 1952, fuq inizjattiva ta' l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai, saret festa b'tifkira tar-raba' ċentinarju tal-mewt tal-missjunarju Ġiżwita San Franġisk Saverju (1552-1952), li x-xbieha tiegħu tidher fil-kwadru ta' l-Altar iddedikat lil Ġesù u Marija, li għal din l-okkażjoni ġiet imżejna ħelu ħafna. It-Tlieta 2 ta'

Diċembru, lejlet il-festa, kien hemm Għasar Solenni, *Salve* u Barka. L-għada, 3 ta' Diċembru, fil-għodu kien hemm Quddiesa Kantata u wara Quddies lett sal-11.00am. Fil-għaxija sar Għasar Solenni u paniġierku minn Mons. Emmanuele Mercieca.[75]

Fix-xahar ta' Diċembru kienet issir in-Novena tal-Milied, u fl-1949 il-predikatur kien Patri Alan Fenech OP.[76]

**Ġrajjiet partikulari**

Bejn l-1949 u l-1952 seħħew erba' ġrajjiet fir-Rabat ta' Għawdex li kellhom xi rabta mal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Dawn kienu:

1. il-miġja ta l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima (1949);
2. il-miġja tal-kwadru inkurunat tal-Madonna Ta' Pinu (1950);
3. il-miġja tal-kwadru mirakuluż tal-Madonna tal-Karmnu mill-Belt Valletta (1951);
4. l-inkurunazzjoni tal-kwadru tal-Madonna tal-Grazzja tal-Kapuċċini (1952).

F'Għid il-Ħamsin ta' l-1949 inġiebet f'Għawdex *l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima*, li ttieħdet fil-parroċċi kollha tal-gżira Għawdxija. Wara, il-vara ttieħdet fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fejn saret il-festa ta' l-għeluq.

Bejn is-17 u d-19 ta' Novembru sar Tridu li fih ippriedka Mons. Lettur Emmanuele Mercieca. Nhar il-Ħadd 20 ta' Novembru fil-għodu Mons. Pace qaddes fil-knisja ta' San Ġorġ. Wara kien hemm Quddiesa Solenni bil-mużika li fiha niseġ il-paniġierku Patri Alan Fenech OP. Fil-għaxija wara l-Għasar saret il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna merfugħa minn erba' saċerdoti bl-abiti sagri, u li tmexxiet mill-Isqof Pace. X'ħin il-purċissjoni waslet fit-Tokk, Mons. Arċipriet Mikiel Cefai għamel diskors tal-konklużjoni. Wara, Mons. Isqof Pace qara l-Att tal-Konsagrazzjoni lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija, tkanta t-*Te Deum* u ngħatat il-Barka Sagramentali. Il-mużika tat-Tridu u tal-festa kienet tas-Surmast Giuseppe Giardini Vella.[77]

Tajjeb li nżidu li wara l-miġja tal-Madonna ta' Fatima f'Għawdex, biex id-devozzjoni lejha tissokta tikber, b'digriet ta' l-10 ta' Novembru 1949, Mons. Isqof Pace waqqaf ix-Xirka tal-Madonna ta' Fatima fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.[78] Imbagħad, f'Jannar 1950, il-Leġjun ta' Marija daħal uffiċjalment f'Għawdex bit-twaqqif ta' l-ewwel *præsidium* bl-isem ta' *Madonna ta' Fatima*. Dan ġie inawgurat fit-22 ta' Jannar, f'waħda mis-swali tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Il-President kien Bro. Edgar Montanaro, li dak iż-żmien kien Kummissarju għal Għawdex. Id-direzzjoni spiritwali ġiet fdata lill-Arċipriet tar-Rabat Mons. Mikiel Cefai.[79]

Fl-1 ta' Novembru 1950 id-dinja Kattolika ferħet meta l-Papa Piju XII (1939-1958) ipproklama d-Domma tat-Tlugħ fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem ta' Marija Santissma. F'din l-okkażjoni saret festa fir-Rabat ta' Għawdex.

Nhar is-Sibt 25 ta' Novembru 1950, fil-għaxija meta dalam sewwa, telaq pellegrinaġġ *aux flambeaux* mill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ għas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, minn fejn inġieb *il-kwadru mirakuluż tal-Madonna (Ta' Pinu)* fost it-talba tar-Rużarju u l-kant ta' l-innijiet, taħt it-tmexxija ta' Mons. Arċipriet Mikiel Cefai. Il-kwadru mirakuluż ittieħed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, imżejna għall-okkażjoni. Hemmhekk sar lejl qaddis b'qima lejn Ġesù Sagramentat u Quddiesa bil-fervorin.[80]

Fl-1951 il-patrijiet Karmelitani tal-Belt Valletta fakkru b'solennità kbira s-seba' ċentinarju ta' l-għotja tal-Labtu tal-Madonna. Għal din l-okkażjoni l-imsemmija patrijiet, nhar il-Ħadd 10 ta' Ġunju, ħadu f'Għawdex *il-kwadru mirakuluż tal-Madonna tal-Karmnu*. Dan il-kwadru, wara l-wasla tiegħu f'Għawdex, ittieħed fil-knisja ż-żgħira tal-Madonna tal-Karmnu f'Ta' Ħamet, fejn sar Tridu.

Il-Ħamis 14 ta' Ġunju dan il-kwadru ttieħed proċessjonalment *aux flambeaux* minn Ta' Ħamet għall-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Fit-Tokk, Mons. Arċipriet Mikiel Cefai għamel kelmtejn ta' merħba, u minn hemm ittieħed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fejn ġie mqiegħed fuq altar imħejji apposta fuq il-presbiterju. Bejn il-Ġimgħa 15 u l-Ħadd 17 ta' Ġunju saru numru ta' funzjonijiet fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fl-okkażjoni tal-miġja ta' dan il-kwadru. Is-Sibt 16 ta' Ġunju, wara nofs in-nhar, il-Provinċjal tal-patrijiet Karmelitani, Patri Bernard Farrugia OC, mexxa t-Translazzjoni tar-relikwa tal-Madonna. Wara saru l-Għasar bil-kant Gregorjan, priedka, *Salve*, Litanija u Barka Sagramentali.

Il-Ħadd 17 ta' Ġunju fil-għodu, Mons. Isqof Ġużeppi Pace għamel Pontifikal fil-knisja ta' San Ġorġ, li fih niseġ il-paniġierku Patri Akkursju Xerri OFM. Wara nofs in-nhar tkanta l-Għasar u wara saret il-purċissjoni tal-kwadru mirakuluż tal-Madonna, li tmexxiet mill-Isqof Pace. Fiha ħadu sehem il-Kapitlu tal-Katidral, l-Arċiprieti u l-Kappillani tal-parroċċi, il-patrijiet Karmelitani, il-patrijiet Franġiskani Minuri, is-sorijiet, u l-Fratellanzi tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.

Il-purċissjoni għaddiet mit-toroq prinċipali tal-Belt Victoria, u wara waqfet fit-Tokk, fejn għamel diskors taċ-ċirkustanza Mons. Arċipriet Mikiel Cefai. Il-purċissjoni mbagħad baqgħet sejra lejn il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fejn ingħatat il-Barka Sagramentali.[81]





3

Wara din il-festa sabiħa f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu, f'Jannar 1952 il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ tat issehem tagħha meta fil-Belt Victoria saret iċ-ċerimonja ta' *l-inkurunazzjoni tal-kwadru tal-Madonna tal-Grazzja* meqjum fil-knisja tal-patrijiet Kapuċċini. F'din l-okkażjoni, l-Erbgħa 22 ta' Jannar, dan il-kwadru ttieħed mill-knisja tal-Kapuċċini għall-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Hemmhekk sar Tridu solenni. Matul dawn it-tlitt ijiem il-knisja ta' San Ġorġ kienet mimlija bin-nies. Imbagħad is-Sibt 25 ta' Jannar, lejlet l-inkurunazzjoni, fil-għodu, l-Isqof Pace għamel Pontifikal fil-knisja ta' San Ġorġ, megħjun mill-Kapitlu tan-Nadur. Fil-għaxija, wara diskors minn Patri Lawrenz Cecy OFMCAP, il-kwadru ttieħed fil-Katidral ta' Għawdex.[82]

Iżda minn barra dawn l-erba' ġrajjiet partikulari, insibu li meta l-Ħadd 21 ta' Settembru 1952 fir-Rabat ta' Għawdex sar il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla, qabel sar Tridu ta' preparazzjoni fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.[83]

### Viżitaturi distinti

Fl-10 ta' Ġunju 1952 għamel żjara uffiċjali f'Għawdex il-Gvernatur Sir Gerald Creasey. Il-Gvernatur mar fil-Belt Victoria, fejn, kif tgħidilna gazzetta lokali, *"the first stop was made at St George's church, where the Archpriest Mgr M. Cefai welcomed the Governor and Lady Creasey. Mr Conti, who is decorating the church, was presented to the Governor, who toured the church and saw the graceful statue of St George, the patron saint of the town".*[84]

Sentejn wara, il-knisja ta' San Ġorġ kellha viżitatur ieħor, din id-darba mill-benefattur tagħha Mons. Ġorġ Agius. Fuq din iż-żjara gazzetta lokali tgħidilna hekk: *"He is looked upon with pride by the residents of Victoria, for Mgr Agius has always been a great benefactor of St George's church".*

F'din l-okkażjoni sar riċiviment f'ġieħu fis-sala tal-knisja ta' San Ġorġ, fejn *"Mgr M. Cefai, Archpriest, thanked Mgr Agius for his recent generous contribution towards the erection of new marble pillars and other decorations. Mgr Cefai presented Mgr Agius with a golden chalice as a token of esteem and gratitude form the clergy and people of Victoria".*[85]



4

**Riferenzi**

59 *Leħen is-Sewwa*, 14 ta' Jannar 1948, p. 7; *Il-Berqa*, 8 ta' Jannar 1953, p. 7.
60 Ibid, 23 ta' Jannar 1949, p. 3.
61 Ibid, 14 ta' Frar 1948 p. 5.
62 Ibid, 3 ta' April 1948, p. 3; *Il-Berqa*, 22 ta' April 1954, p. 7.
63 *Il-Berqa*, 29 ta' Marzu 1951 p. 7.
64 *Leħen is-Sewwa*, 28 ta' April 1948, p. 5.
65 *Il-Berqa*, 7 ta' Ġunju 1954, p. 5.
66 Ibid, 23 ta' Settembru 1954. p. 7.
67 *Leħen is-Sewwa*, 24 ta' Settembru 1947, p. 8; 22 ta' Settembru 1948, p. 7.
68 Ibid, 27 ta' Settembru 1947.
69 Ibid, 28 ta' Settembru 1949 p. 7; *Għawdex*, 25 ta' Settembru 1949, p. 3; *Il-Berqa*, 5 ta' Ottubru 1950, p. 7.
70 *Il-Berqa*, 18 ta' Novembru 1954, p. 7.
71 *Leħen is-Sewwa*, 3 ta' Diċembru 1947.
72 Ibid, 1 ta' Diċembru 1948, p. 2.
73 Ibid, 3 ta' Diċembru 1947.
74 Ibid, 8 ta' Diċembru 1948, p. 3.
75 *Il-Berqa*, 11 ta' Diċembru 1952, p. 7.
76 *Leħen is-Sewwa*, 5 ta' Jannar 1950 p. 7
77 Ibid, 30 ta' Novembru 1949.
78 Ibid, 11 ta' Jannar 1950, p. 7.
79 G. Schembri, *Joseph D. Booker*, Malta 1981, p. 22.
80 *Leħen is-Sewwa*, 9 ta' Diċembru 1950, p. 15.
81 L. Sammut, *Is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu*, Malta 1952, pp. 209-217.
82 *Leħen is-Sewwa*, 30 ta' Jannar 1952, pp. 1-2.
83 Ibid, 1 ta' Ottubru 1952, p. 6.
84 *Times of Malta*, 12 June 1952, p. 7.
85 Ibid, 14 December 1954, p. 12.


**Ritratti** (ħajr lil George Borg, John Cremona u Mons. Coronato Grima)

1 Il-Monument għaddej mit-Tokk, f'Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fis-snin ħamsin.
2 L-istatwa tal-Madonna ta' Fatima merfugħa fuq l-ispallejn minn erba' membri tal-kleru Ġorġjan waqt purċissjoni Marjana mat-toroq tar-Rabat.
3 Purċissjoni bil-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu għaddejja mit-Tiġrija, Novembru 1950.
4 L-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace jinkuruna l-kwadru tal-Madonna tal-Grazzja fi Pjazza San Franġisk, 26 ta' Jananr 1952.

# ĠANN PIET FRANĠISK AGIUS DE SOLDANIS

## (1713-1770)

*Tliet mitt sena minn twelidu*





Die p.o Mensis Augusti 1712: 178
Joes Petrus Don Bernardus Grima de mandato [illegible] baptizavit
Franciscus infantem natum heri ex Joe Andrea Agius, et Valen-
Agius tia coniug. huius suburbij, a qua fuit impositum nome
Joannes Petrus Franciscus. P.ni fuerunt Joes Petrus
Azzardo, et Anna uxor Vincentii Zirafa.

1



2



Cap. IV.
Si descrive la Chiesa Parrocchiale di questo Borgo. Notizia delle Chiese Rurali del Gran Castello e suo Borgo. D'altre chiese parrocchiali. D'altre chiese profanate e loro fondazione.

1. Siccome siegue dopo la Chiesa Matrice ed Insigne Collegiata quella del Glorioso S. Giorgio Martire Parrocchiale di questo Borgo, così conviene dare di questa ora ragguaglio, mentre ella nella giurisdizione è unita colla detta Matrice Chiesa Collegiata, governata dal stesso suo Arciprete; sò che ne' secoli trascorsi era Filiale della stessa Matrice ed or di per se Parrocchiale col suo Parroco [illegible] e servita da un Sacerdote col titolo di Vice-Parroco, a guisa della sovradetta Collegiata per l'amministrazione de' Sagramenti, da questo numeroso Clero, tuttavia con sommo zelo viene assistita

3

*1 Ir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija ta' De Soldanis fl-1712, fir-Reġistru tal-Magħmudijiet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.*

*2 Paġna mil-*Libro Esigenziale dell'Altare dell'Anime (1763+) *tal-Parroċċa ta' San Ġorġ li jġib kemm-il darba l-firma ta' De Soldanis bħala Prokuratur ta' l-Altar ta' l-Erwieħ.*

*3 Paġna mill-manuskritt tal-Gozo li hemm fil-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta (NLM MS145) li turi t-tagħrif li De Soldanis jagħti dwar il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.*

» ara paġni 16-17

# Bejn l-Avvent u San Ġorġ ta' April

*Ħarsa ħafifa lejn l-ikbar mumenti qawwija tas-sena liturġika bejn Novembru 2012 u April 2013*

Mario Casha

**L-Avvent u l-festi tal-Milied**

Bħalma ġara fis-snin ta' qabel, in-Novena tal-Milied fil-parroċċa tagħna saret fil-Quddiesa tas-6.00pm. Din is-sena bdiet fil-15 ta' Diċembru u t-tema magħżula kienet *Il-Ministeri Ekkleżjali fil-Ġrajja tal-Persunaġġi tal-Milied.* L-ewwel ħamest ijiem tmexxew minn Mons. George Grima, is-sitt u t-tmien jum minn Mons. Anton Borg, is-seba' jum minn Patri Peter Paul Cachia OSA, u l-aħħar ġurnata mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. F'kull Quddiesa l-messaġġ ġie ppreżentat jew b'mod viżiv, jew b'mima, metodi li huma addattati għat-tfal biex jidħlu fl-ispirtu sabiħ tal-Milied. Il-kant kien animat mill-Grupp tal-Kitarri, waqt li ċ-ċkejkna Martina Galea minn din is-sena bdiet tkanta l-innu *Alma Redemptoris Mater* dritt wara t-Tqarbin u qabel il-Barka Sagramentali li biha kienet tintemm kull ċelebrazzjoni. In-Novena ntemmet b'ċelebrazzjoni sabiħa bis-sehem tat-tfal kollha fit-23 ta' Diċembru.

Għall-jiem festivi tal-Milied u l-Aħħar tas-Sena, il-kalendarju liturġiku tal-parroċċa ta' San Ġorġ kien ippakkjat b'diversi ċelebrazzjonijiet sbieħ. It-Tnejn 24 ta' Diċembru, fl-4.30pm, l-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa l-Ewwel Għasar Solenni. Imbagħad, fil-11.30pm, bdiet il-Liturġija tal-Vġili tat-Twelid ta' Sidna, l-ewwel bil-kant tal-Matutin u l-Uffiċċju tal-Qari, imbagħad bil-Priedka tat-Tifel mill-abbati Mark Mizzi, u dritt wara, il-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl, ippreseduta mill-Arċipriet, il-Kapitlu u l-kleru. L-għada, it-Tlieta 25 ta' Diċembru, jum il-Milied, l-Isqof Grech mexxa l-Pontifikal Solenni fil-11.00am, li fi tmiemu sar ukoll il-bdil ta' l-awguri. Żewġ pontifikali oħra mmexxija mill-Isqof kienu dak tat-*Te Deum* nhar l-Aħħar tas-Sena fil-5.00pm, u dak ta' l-Ewwel tas-Sena, solennità ta' Omm Alla, fil-11.00am. Fl-okkażjonijiet kollha kanta l-Kor *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo. L-aħħar impenn ta' l-Isqof Djoċesan u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, Mons. Mario Grech, fil-festi tal-Milied li jsiru fil-Bażilika, kien nhar il-Ħadd 6 ta' Jannar, għall-Pontifikal ta' l-Epifanija, fil-11.00am.

Hija inizjattiva tassew sabiħa dik tal-parroċċa li tiġbor fi ħdanha l-adolexxenti tagħna li huma mhux biss il-futur tal-Knisja imma wkoll tas-soċjetà ċivili. L-investiment fihom, biex itejbu l-valuri tagħhom, żgur li huwa imprezzabbli. Għandna nkunu grati lejn iż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna u s-seminarista li jkollna magħna minn żmien għal żmien, għax l-impenn tagħhom ma' dawn l-adolexxenti huwa importanti ferm! Din il-ħidma pastorali għandha dejjem issib l-inkuraġġiment tagħna. F'dan iż-żmien partikulari, iż-żewġ Gruppi ta' l-Adolexxenti kellhom il-laqgħat tagħhom il-Ġimgħa 11 u s-Sibt 12 ta' Jannar. Il-grupp tal-kbar kellu l-laqgħa tiegħu nhar il-Ġimgħa fit-8.00pm, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, u din tmexxiet minn Dun George Borg, li tkellem dwar is-sesswalità fl-adolexxenti, u wara ntwera filmat interessanti dwar is-suġġett. Wara l-laqgħa, l-istudenti ħarġu jieħdu xi ħaġa flimkien f'ristorant f'Marsalforn. Il-laqgħa għall-grupp taż-żgħar saret l-għada s-Sibt fit-8.00pm, fid-Dar Parrokkjali, u tmexxiet mis-seminarista Mario Curmi. Wara, l-istudenti baqgħu jieħdu pizza flimkien fiċ-Ċentru Parrokkjali u raw film.



1



2




3



4

**Ir-Randan, il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir**

Żmien ir-Randan huwa perjodu li fih il-Knisja tistedinna biex nirriflettu ftit fuq il-ħajja spiritwali tagħna, liema żmien iwassalna għall-akbar festa tagħna l-Insara, dik ta' Kristu Rxoxt. Fil-parroċċa tagħna dan iż-żmien liturġiku jingħata importanza kbira, ukoll minħabba l-popolarità li l-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid dejjem kellhom. Xiehda ta' dan hija l-attendenza kbira li jkun hemm għall-attivitajiet kollha, speċjalment fil-Ġimgħa Mqaddsa. Dan iż-żmien liturġiku tar-Randan fetaħ nhar l-Erbgħa 13 ta' Frar, fejn l-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, li fiha sar ir-Rit tar-Rmied. Fi żmien ir-Randan, il-parroċċa offriet ukoll erba' korsijiet ta' Eżerċizzi Spiritwali għal kategoriji differenti: koppji miżżewġa, kulħadd, adelexxenti u tfal. Dawn saru minn Patri Philip Cutajar OFMCAP, mill-Kan. Mikiel Borg, minn Patri Mark Demanuele MSSP u mid-Djaknu Gabriel Gauci, rispettivament.

L-adolexxenti tagħna kellhom spazju wkoll f'dan iż-żmien ta' ġabra. Fil-fatt, bejn il-Ġimgħa 1 u l-Ħadd 3 ta' Marzu nżamm il-*Live-In* b'mod separat għaż-żewġ Gruppi ta' l-Adolexxenti tal-parroċċa f'Dar *San Ġużepp*, Għajnsielem, fejn fost il-kelliema kien hemm Matthew Bartolo, *Sex and Relationship Psychotherapist*, u Maria Attard, direttriċi ta' Dar Ġużeppa Debono. Is-Sibt wara nofs in-nhar ġiet iċċelebrata Quddiesa bil-Qrar integrat fiha, li għaliha kienu preżenti ż-żewġ gruppi, u din tmexxiet minn Dun Joseph Bajada. Iż-żewġ gruppi kellhom ukoll ħin għall-mistrieħ, divertiment flimkien, ħruġ fil-kampanja sabiħa ta' Għajnsielem, kif ukoll *Via Crucis* fil-beraħ.

It-temp din is-sena ppermetta sew li l-*Via Crucis* ta' nhar l-Erbgħa tat-Tniebri tinżamm fi Pjazza San Ġorġ. Din bdiet fit-8.00pm u tmexxiet mill-Isqof Mons. Mario Grech. Għall-okkażjoni nħarġet fil-bieb tal-Bażilika l-Vara l-Kbira.




L-animazzjoni kienet f'idejn is-seminarista Mario Curmi, u l-kant f'idejn il-Kor *Laudate Pueri.* Tqassam ktejjeb bil-meditazzjonijiet tal-*Via Crucis* li din is-sena, fl-okkażjoni tas-Sena tal-Fidi, kienu meħuda mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, b'talb mil-Liturġija tas-Sigħat. Intrama wkoll *screen* li fuqu wieħed seta' jsegwi viżwalment kull stazzjon. F'rabta mar-Randan ukoll, il-parroċċa organizzat żewġ ċelebrazzjonijiet għat-tfal. Dawn tmexxew minn Antonella Zammit flimkien ma' l-animaturi u l-katekisti, u fi tmiem iż-żewġ ċelebrazzjonijiet ingħatat il-Barka Ewkaristika. Monica Marie Parnis animat bil-kant fuq il-kitarra. Fir-Randan ukoll, il-katekista Miriam Portelli mexxiet żewġ laqgħat oħra fis-serje ta' laqgħat li għamlet għall-ġenituri matul din is-Sena Pastorali, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia.*

F'Ħamis ix-Xirka saret il-Quddiesa ta' l-Ikla tal-Mulej u l-Ħasil tar-Riġlejn, li fiha jitfakkar it-twaqqif ta' l-Ewkaristija. Wara l-omelija tiegħu, l-Arċipriet ħasel ir-riġlejn ta' tnax-il raġel, li jirrappreżentaw it-tnax-il Appostlu. Fi tmiem il-funzjoni, saret it-Translazzjoni tas-Santissmu Sagrament lejn l-Altar tar-Ripożizzjoni armat għal sena oħra fil-Kappella ta' Ġesù u Marija, u li bejn il-Ħamis fil-għaxija u l-Ġimgħa f'nofs in-nhar, żaruh ħafna nies. Il-Purċissjoni Penitenzjali tal-Passjoni mill-Bażilika ta' San Ġorġ din is-sena ħarġet nhar Ħamis ix-Xirka fis-6.30pm. Din is-sena din il-purċissjoni devota, l-unika waħda f'Għawdex li matul is-snin inżammet fl-istil tradizzjonali tagħha, rat iż-żieda ta' diversi novitajiet. Fil-bidu nett tal-purċissjoni, flok dak li kien magħruf bħala s-Salib taż-Żgħażagħ, inġarr merfugħ fuq l-ispallejn Salib ta' l-Injam, li hu s-salib mingħajr korp ta' l-istatwa antika ta' Ġesù u Marija. Inħadmu ġodda wkoll 'il fuq minn sebgħin konfratija kannella għar-reffiegħa tal-ktajjen, bil-barnużi suwed u l-kurduni; dawn saru minn diversi ħajjata mill-parroċċa, biex hekk issa dawk li jġorru l-ktajjen għall-ewwel darba ħarġu kollha bi ħwejjeġ identiċi. Din is-sena rajna għall-ewwel darba iktar minn għaxar nisa jerfgħu l-ktajjen wara l-istatwa tad-Duluri. Forsi l-aktar żieda importanti kienet dik tar-raba' statwa ġdida għas-sett tal-vari tal-Passjoni, dik tar-Redentur, maħduma bħal ta' qabilha fl-injam minn Michael u Adonai Camilleri Cauchi. Id-djademi tar-ram ta' l-istatwi ta' l-*Ecce Homo* u r-Redentur inħadmu ġodda minn Tonio Zammit u Joseph Vella. Fil-Purċissjoni, barra l-Kapitlu u l-kleru, u l-Fratellanzi tal-parroċċa, ħadu sehem il-Banda Ċittadina *La Stella* u l-Banda *Konti Ruġġieru* tar-Rabat ta' Malta, li daqqew marċi funebri, il-Grupp ta' l-i*Scouts* tal-Marsa, u l-Kor *Laudate Pueri.* Il-kummentarju fil-ħruġ u d-dħul sar mill-Kav. Joe M. Attard. Il-funzjoni ta' l-Adorazzjoni tas-Salib bdiet fit-3.00pm u tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, li għamel ukoll l-omelija.



**Sibt il-Għid u l-Għid il-Kbir**

Il-Vġili ta' l-Għid bdew fit-8.00pm, bil-mixegħla tal-Blandun fi Pjazza San Ġorġ. Din is-sena, għall-ewwel darba, inġab minn barra minn Malta blandun magħmul kollu kemm hu mix-xama' tan-naħal, li ġie wkoll iddekorat apposta minn Dun Roberto Gauci. Id-Dimostrazzjoni ta' Kristu Rxoxt nhar l-Għid ħarġet fid-8.45am, bl-istatwa ta' Kristu Rebbieħ. L-Isqof Mons. Mario Grech imbagħad mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-11.00am, li fiha ta l-awguri ta' l-Għid lill-komunità parrokkjali. Fi tmiem il-Quddiesa hu ħabbar li l-Papa Emeritu Benedittu XVI kien laqa' t-talba tiegħu biex jibgħat lid-Djoċesi ta' Għawdex tifkira tal-pontifikat tiegħu biex tinżamm fil-Mużew tal-Bażilika.



**Il-Festa Liturġika ta' San Ġorġ**

It-23 ta' April huwa jum għażiż ħafna għalina l-Ġorġjani. Din is-sena Mons. Giovanni Bosco Cremona mexxa l-Quddies tat-Tridu bil-priedka. Wara kull Quddiesa, sar il-kant ta' l-innu, il-kurunella u l-Barka Ewkaristika. Il-Ħadd 21 fil-għodu nżammu wkoll it-Tiġrijiet Tradizzjonali tal-Bhejjem fi Triq ir-Repubblika, l-ewwel darba li saru f'April fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' San Ġorġ. L-għada, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa l-Ewwel Għasar Pontifikali, bis-sehem tal-Kapitlu Ġorġjan. Imbagħad fil-għaxija, l-Isqof mexxa wkoll il-Velja Solenni tal-Martirju, li minħabba l-biża' tax-xita nżammet fil-Bażilika stess. It-tema din is-sena kienet marbuta ma' l-Istqarrija tal-Fidi, billi qegħdin fis-Sena tal-Fidi. It-Tlieta 23, fil-għodu, il-Kapitlu kanta t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum. Imbagħad, fis-6.30pm, Mons. Giovanni Bosco Cremona mexxa t-Tieni Għasar Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu. Il-Pontifikal immexxi minn Mons. Isqof beda fis-7.00pm, u kien animat mill-Kor *Laudate Pueri*. Fl-omelija sabiħa tiegħu l-Isqof irrifletta fuq San Ġorġ bħala "bniedem Ewkaristiku", b'riferenzi sbieħ ħafna għall-Missirijiet bikrija tal-Knisja li ħallewlna tagħlim mitqlu deheb dwar ir-rabta bejn il-martirju u l-Ewkaristija. Lejn tmiem il-Quddiesa, Mons. Anton Gauci, Dekan tal-Kapitlu Katidrali, għamel donazzjoni lill-Bażilika għall-mużew tagħha: karlotta u ritratt tal-Papa Piju XII, li kien il-Papa li għamel Bażilika Minuri lill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Wara l-Pontifikal, il-Banda *La Stella* għamlet marċ minn Pjazza San Ġorġ sal-Każin *La Stella*, li kellu jħaffef minħabba x-xita.

**Nota:** Fir-rubrika regolari *Dil-Ġimgħa f'San Ġorġ*, fuq is-sit elettroniku tal-parroċċa www.stgeorge.org, tistgħu ssibu rappurtaġġ dettaljat tal-ħajja pastorali u liturġika tal-parroċċa tagħna.

**Ritratti**

**1** Laqgħat għal-Letturi.
**2-3** Mumenti min-Novena tal-Milied.
**4** Il-Grupp ġdid ta' l-Adolexxenti Żgħar f'Ħarġa Malta.
**5** L-Eżerċizzi tar-Randan għall-Miżżewġin minn Patri Philip Cutajar OFMCAP.
**6** Mons. Anton Gauci, Dekan tal-Kapitlu Katidrali, jirregala karlotta tal-Papa Piju XII lill-Bażilika ta' San Ġorġ fil-Pontifikal ta' Jum San Ġorġ, 23 ta' April 2013.

## Insellmu



- Marċell Mizzi, prokuratur legali, eks-membru parlamentari u poeta, li miet nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2013, fl-età ta' 90 sena. Il-Funeral tiegħu sar fil-Bażilika nhar it-Tlieta 5 ta' Frar.
- Grace Micallef, membru ħabrieki tal-Grupp *Santa Marta* fejn tat ħafna minn ħinha għat-tindif tal-Bażilika, benefattriċi eżemplari tal-parroċċa Ġorġjana, li mietet nhar l-Erbgħa 6 ta' Frar 2013, fl-età ta' 59 sena. Il-Funeral tagħha sar fil-Bażilika nhar il-Ġimgħa 8 ta' Frar.
- Teresa Grech, zija ta' l-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia, benefattriċi b'għadd ta' modi tal-Bażilika ta' San Ġorġ, li mietet it-Tnejn 18 ta' Frar 2013, fl-età ta' 89 sena. Il-Funeral tagħha sar fil-Bażilika nhar it-Tlieta 19 ta' Frar.
- Filomena Attard, li għal snin twal tat servizz lill-komunità parrokkjali bħala ostjarja (tieħu ħsieb l-altar u fi ħsil ta' l-abiti sagri), lettriċi kif ukoll ministru straordinarju tat-tqarbin, li mietet nhar it-Tnejn 1 ta' April 2013, fl-età ta' 73 sena. Il-Funeral tagħha sar fil-Bażilika fil-5 ta' April.




# IL-ĦAĠAR HEART OF GOZO
## Inawgurat il-Mużew tal-Bażilika

James L. Borg

> ***"Huwa b'sens ta' sodisfazzjon u kburija nazzjonali li qiegħed hawn dal-għodu magħkom biex ninawguraw* Il-Ħaġar – Heart of Gozo"**
>
> L-Onor. Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi,
> Pjazza San Ġorġ, il-Belt Victoria,
> is-Sibt 23 ta' Frar 2013

It-23 ta' Frar 2013 inkuruna snin twal ta' ħidma mill-Fondazzjoni Belt Victoria, imwaqqfa fis-27 ta' Diċembru 1998 esklussivament biex tistinka biex jiġu akkwistati fondi Ewropej għall-bini u t-twaqqif ta' Mużew u Ċentru Kulturali għall-Bażilika ta' San Ġorġ. Dan bl-ebda mod ma jfisser li l-ħolma li San Ġorġ ikollu l-Mużew tiegħu nibtet mat-twaqqif tal-Fondazzjoni Belt Victoria. Hija ħolma li kienet ilha tberren f'moħħ l-antenati tagħna, u kellha tkun l-għodwa sabiħa tat-23 ta' Frar li taraha titwettaq.

Waqt li fl-aħħar xhur tas-sena 2012 u l-bidu ta' l-2013 kienu qed isiru l-aħħar irtokki strutturali fuq is-sit tal-proġett, fl-istess waqt kienu qed isiru wkoll it-tħejjijiet neċessarji biex il-Mużew storiku u interattiv ġdid, li ngħata l-isem ta' *Il-Ħaġar – Heart of Gozo,* jiġi inawgurat bid-dinjità li tixraqlu. Għaldaqstant ġie mfassal programm ta' ċelebrazzjonijiet ta' Fidi, Kultura u Storja, mifrux fuq medda ta' tlitt ijiem – bejn il-Ġimgħa 22 u l-Ħadd 24 ta' Frar 2013 – li tqassam fid-djar tal-parruċċani Ġorġjani u li ntbagħat bi stedina lil tant u tant benefatturi li, f'xi ċirkustanza jew oħra, taw il-kontribut tagħhom b'rizq dan il-proġett monumentali.

Iċ-ċelebrazzjonijiet inawgurali tal-Mużew, f'din is-Sena tal-Fidi, raw il-miġja straordinarja f'Għawdex tal-Kor Papali, il-*Cappella Musicale Pontificia "Sistina"*, li tat timbru aktar speċjali lil din il-ġrajja – fi kliem il-Prim Ministru u fi kliem l-Isqof ta' Għawdex – "nazzjonali", kif ukoll rat is-sehem ta' tant u tant entitajiet lokali: il-Kor tal-Bażilika Ġorġjana *Laudate Pueri*, il-Banda Ċittadina *La Stella* u l-*Victoria Scout Group*.



### Lapida kommemorattiva f'ġieħ De Soldanis

Iċ-ċelebrazzjonijiet bdew nhar il-Ġimgħa 22 ta' Frar, fis-6.30pm, fejn fi Pjazza San Ġorġ saret ċerimonja kommemorattiva bil-kxif ta' lapida f'ġieħ il-Kan. Gian Piet Franġisk Agius De Soldanis, missier l-istorjografija Għawdxija, iben denn tal-parroċċa ta' San Ġorġ u prokuratur ta' l-Altar ta' l-Erwieħ ta' l-istess knisja parrokkjali. Waqt iċ-ċerimonja sar diskors mirqum mill-istoriku Dr Paul George Pisani KM. Wara li s-Sindku Dr Samuel Azzopardi għamel kelmtejn ta' l-okkażjoni, kixef lapida f'ġieħ De Soldanis, b'mezzobust fuqha magħmul mill-artist Manuel Farrugia, li mbagħad ġiet imbierka mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona.

### Ftuħ uffiċjali tal-Mużew

Il-jum sabiħ tal-ftuħ uffiċjali tal-Mużew sebaħ l-għada, is-Sibt 23 ta' Frar, bi Pjazza San Ġorġ imżejna bl-armar sabiħ tal-Festa ta' San Ġorġ u bid-daqq ferrieħi tal-qniepen maestużi tal-Bażilika Ġorġjana. Fuq xewqa ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, ir-Rev.mu Kapitlu Ġorġjan inġabar miegħu fid-9.00am għall-kant solenni tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum. Fid-9.30am, bi Pjazza San Ġorġ diġà mimlija bin-nies, bdew jaslu l-ewwel dinjitarji, waqt li ftit qabel l-10.00am wasal il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi li ntlaqa' fit-Tokk mill-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia, Kordinatur tal-Proġett, u mis-Sur Antoine Vassallo, President tal-Fondazzjoni Belt Victoria.







Il-Banda Ċittadina *La Stella*, taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, sellmitlu bl-eżekuzzjoni ta' l-Innu Malti. Malwasla tal-Prim Ministru tfaċċa mill-bieb tal-Bażilika r-Rev. mu Kapitlu tal-Kolleġġjata mmexxi mid-Dekan tiegħu, l-E.T. Mons. Isqof Djoċesan. Sar diskors ta' merħba mis-Sur Antoine Vassallo, *Project Leader* u President tal-Fondazzjoni Belt Victoria, u immedjatament wara għamel diskors il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, li fih irrefera għal din il-ġrajja storika bħala waħda "nazzjonali", waqt li faħħar l-impenn tal-Fondazzjoni Belt Victoria lejn il-kultura għolja f'Għawdex. Fi tmiem id-diskors tal-Prim Ministru, il-Kor *Laudate Pueri* (direzzjoni: Kan. George J. Frendo, *leader*: Dr Maria Frendo) kanta l-Innu Malti minn fuq it-taraġ ta' quddiem il-bieb tal-Bażilika.

Il-mument tant mistenni wasal ftit qabel l-10.30am, meta l-Onor. Prim Ministru fetaħ uffiċjalment il-Mużew *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*, fost iċ-ċapċip, il-ferħ u l-emozzjonijiet ta' dawk preżenti u fost il-logħob tan-nar mill-għolja ta' Gelmus u minn fuq il-bjut ta' Pjazza San Ġorġ. L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof Djoċesan u Dekan tal-Kolleġġjata, għamel kelmtejn ta' l-okkażjoni u wara bierek il-Mużew il-ġdid. Dritt wara, Dr Gonzi kixef lapida li li tfakkar l-inawgurazzjoni, fit-taraġ li jwassal għall-ewwel sular. Wara, kull min kien preżenti seta' jdur mal-Mużew u jammira x-xogħlijiet sbieħ li jinsabu fih; il-Prim Ministru nnifsu u l-mistiedna distinti ġew imdawra mill-membri tal-Fondazzjoni, li fl-aħħar snin, xhur u ġimgħat tant kienu tħabtu biex jaraw dan il-proġett isir. Iċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni ġiet fi tmiemha b'riċeviment fuq il-bejt tal-Mużew, minn fejn wieħed seta' jgawdi x-xena panoramika tal-Belt Victoria u ta' parti kbira mill-gżira Għawdxija.

Dak in-nhar il-*Maltapost plc* ħarġet timbru u bolla personalizzata għall-okkażjoni, waqt li tqassmu wkoll kartolini kommemorattivi mħejjija mill-*Gozo Philatelic Society* f'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni.

**Kunċert mill-Kor Papali**

Iċ-ċelebrazzjonijiet f'dan il-jum straordinarju komplew fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fil-għaxija, bil-kunċert storiku *Super Fundamentum Apostolorum*, mill-Kor Pontifiċju, taħt id-direzzjoni ta' Mons. Massimo Palombella SDB. Storiku għal aktar minn raġuni waħda: qabel xejn għar-raġuni ovvja li huwa l-Kor tal-Papa li ġie fostna – jiġifieri f'San Ġorġ – għat-tielet darba fl-istorja; u t-tieni nett għax kellha tkun l-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-ftuħ uffiċjali tal-Mużew





tagħna li tara lill-Kor Pontifiċju jagħti l-aħħar kunċert tiegħu matul il-Pontifikat ta' Benedittu XVI – li abdika fl-aħħar jum ta' l-istess xahar. Taħt il-patroċinju distint ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Urban, ta' l-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' Malta, u ta' Mons. Filippo Colnago, *Charge d'Affairs* tan-Nunzjatura Appostolika, il-kunċert beda b'indirizz mill-Kordinatur tal-Proġett tal-Mużew, l-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia, u ġie fi tmiemu b'indirizz ieħor mill-E.T. Monsinjur Isqof Djoċesan u kelmtejn qosra minn Mons. Palombella, waqt li fl-aħħar nett il-Kor *Laudate Pueri* tal-Bażilika Ġorġjana ngħaqad ma' l-istess Kor Papali bl-eżekuzzjoni smewwija ta' *Attende Domine*, tant xierqa għal żmien ir-Randan. Wara l-kunċert, man-naħa tal-lvant tal-faċċata tal-Bażilika – eżattament quddiem il-Mużew – inkixfet, mid-Direttur tal-Kor Pontifiċju, lapida kommemorattiva li timmortalizza fl-irħam din il-ġrajja speċjali fl-istorja glorjuża tal-poplu li jgħammar f'din ir-roqgħa art. Il-kunċert storiku ġie rrekordjat u iktar tard imxandar fuq l-istazzjon tar-radju tal-Belt tal-Vatikan, *Radio Vaticana*.

Wara l-kunċert, l-Isqof Awżiljarju ta' Malta, Mons. Charles J. Scicluna, ħa l-okkażjoni biex jagħmel żjara lill-Mużew il-ġdid.




### Pontifikal ta' Radd il-Ħajr

Iċ-ċelebrazzjonijiet inawgurali ġew fi tmiemhom nhar il-Ħadd 24 ta' Frar 2013, b'Pontifikal Solenni ta' Radd il-Ħajr fil-Bażilika ta' San Ġorġ, u bi Pranzu Ċelebrattiv dritt wara. Fl-10.15am il-Banda Ċittadina u Dekana *La Stella* għamlet marċ minn quddiem is-sede uffiċjali tagħha fi Triq ir-Repubblika, laqgħet lil Monsinjur Isqof fi Pjazza San Ġorġ, u wara kompliet bil-marċ sa quddiem il-Mużew u ċ-Ċentru Kulturali l-ġdid, *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*. Fil-11.00am ingħata bidu għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali ppreseduta mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Urbana, bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu Ġorġjan u l-kleru parrokkjali, b'radd il-ħajr lil Alla l-Imbierek għal dan il-proġett kbir. Fil-bidu ta' din il-liturġija, Monsinjur Arċipriet Pawlu Cardona għamel indirizz ta' merħba u ta' apprezzament. Waqt il-Pontifikal kanta l-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, assistent *maestro di cappella* tal-Bażilika.

Wara l-Pontifikal sar Pranzu Festiv fil-Lukanda Ta' Ċenċ, Ta' Sannat, flimkien ma' Monsinjur Isqof u d-diriġenti tal-Fondazzjoni Belt Victoria, li għalih attendew bosta benefatturi u ħbieb tal-Mużew.

B'din l-okkażjoni soċjali ġew fi tmiemhom iċ-ċelebrazzjonijiet straordinarji ta' l-inawgurazzjoni tal-Mużew u Ċentru Kulturali interattiv, *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*, ċelebrazzjonijiet li żgur ser jibqgħu imnaqqxa għal dejjem fl-annali storiċi ta' pajjiżna, ta' gżiritna, ta' beltna u tal-parroċċa għażiża tagħna. Iżda dan it-tmiem ġab miegħu bidu; bidu ta' esperjenza ġdida. Sa mill-Ħadd 24, fil-għaxija, f'*Open Week* ta' ġimgħa u mbagħad fil-jiem u l-ġimgħat li ġew wara, il-Mużew laqa' fih nies li ġew minn kullimkien biex jgħixu l-esperjenza ta' din l-opra ġdida, permezz tagħha jitgħallmu u jagħrfu l-verità dwar il-kultura tar-reliġjonijiet li sawritna bħala poplu, u jammiraw it-teżori li aħna – poplu xxurtjat – writna mingħand l-antenati tagħna.

*Għal aktar tagħrif u ritratti, żur is-sit elettroniku tal-Mużew,* ***www.heartofgozo.org.mt****, imxandra ftit jiem biss qabel l-inawgurazzjoni.*

**Ħajr għar-ritratti:**
Bażilika San Ġorġ, Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, CVC, Daniel Cilia, John Cordina, Toni Farrugia, Andrew Formosa, J.J.P. Zammit.

# Serata Kommemorattiva f'ġieħ il-Kanonku Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis, Missier l-Istorjografija Għawdxija

Il-Ġimgħa 22 ta' Frar 2013, 6.30pm, Pjazza San Ġorġ

## Diskors ta' Dr Paul George Pisani KM

Monsinjur Arċipriet,
Monsinjur Farrugia,
Sur Sindku,
Sinjuri Kunsillieri,
Sinjuri,

Il-Kanonku Giovanni Pietro Francesco Agius de Soldanis... Ismu min jaf kemm-il darba smajnieh, imma naħseb ftit nafu dettalji fuqu! Din is-sena saret kommemorazzjoni tiegħu anki fuq bażi nazzjonali. U kien jixraqlu, għax kien persunaġġ li tana ħafna, imma kien pjuttost minsi.



### Saċerdot tal-parroċċa ta' San Ġorġ u mgħammed fiha

Naħseb li ftit minnkom jafu li De Soldanis kien saċerdot tal-parroċċa tagħna ta' San Ġorġ. L-ewwel rabta ma' din il-knisja ewlenija ta' beltna teħodna lura għall-1 ta' Novembru 1712, meta ġie mgħammed, kmieni fil-għodu, f'din il-knisja, u ngħatawlu l-ismijiet ta' Giovanni, Pietro u Francesco. Il-ġenituri tiegħu kienu Andrea Agius u martu Valenzja, li kienu joqogħdu *"huius suburbii"*, allura kienu joqogħdu hawnhekk f'din il-belt. Il-Magħmudija ġiet amministrata minn Dun Bernard Grima, delegat għall-Arċipriet, u l-parrini kienu Pietru Attard u Anna mart Vinċenz Zerafa.

Ftit nafu dwar l-edukazzjoni bikrija ta' De Soldanis. X'aktarx li rċieva l-edukazzjoni privatament, kif kienet issir f'dawk iż-żminijiet, jew inkella f'xi skola għas-saċerdoti li jista' jkun li kienet teżisti hawnhekk ir-Rabat. Inħatar kanonku ta' l-età tenera ta' sbatax-il sena, meta kien għadu lanqas ġie ordnat saċerdot, u dan bl-intervent ta' l-Isqof Alpheran de Bussan.

Ir-rabta li jmiss ma' din il-knisja hija iktar lura, imma nistgħu ngħidu li mill-ftit tagħrif li rnexxielna nsibu, nafu li studja l-Filosofija u t-Teoloġija fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, il-Belt Valletta, u ggradwa fil-Liġi mill-Università ta' Padova. Kien bniedem erudit għall-aħħar: bibljofolu, jiġifieri persuna li tħobb il-kotba, kittieb, u membru ta' diversi akkademji internazzjonali, predikatur u oratur imfittex. Huwa stampa diversi opri ta' storja, ta' lingwistika, jiġifieri l-istudju tal-kelma, folklor, u letteratura, u ħalla wkoll diversi xogħlijiet manuskritti li jinsabu fil-Bibljoteka Nazzjonali, il-Belt Valletta. Fis-sena 1758, De Soldanis ingħata l-permess biex jista' jipprattika ta' avukat fil-qrati kollha, kemm dawk tal-Knisja u kemm dawk tal-Gran Mastru.

### Jgħix ir-Rabat

Nistgħu nassumu li f'dan iż-żmien huwa kien jgħix ir-Rabat, kif jidher minn diversi ittri mibgħuta lil diversi letterati barranin, uħud minnhom jinsabu fil-Bibljoteka Nazzjonali ta' Pariġi, u kollha jinsabu mibgħutin mill-belt ta' Għawdex. Baqa' jgħix hawn Għawdex sa Ġunju 1763, meta bħal ħafna Għawdxin oħra, biex jaqla' l-ħobża ta' kuljum, sab impjieg Malta, u impjegaw ruħu bħala Bibljotekarju fil-Bibljoteka Nazzjonali: l-ewwel Bibljotekarju mwaqqaf mill-Ordni ta' Malta.

De Soldanis kellu tliet ħutu oħra li kellhom l-Ordni Sagri: dawn kollha kienu membri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, iżda hu, billi kien kanonku, ma setax ikun membru ta' l-Ordni. Huwa dam Bibljotekarju għaż-żmien qasir ta' seba' snin biss. Ħajtu kienet mgħoddija fl-istudju, fis-safar, u dan kollu ħalla l-marka fuq saħħtu.

Huwa miet fit-30 ta' Jannar 1770. Hu ħalla l-kollezzjoni tiegħu ta' antikitajiet, fossili u manuskritti lill-Bibljoteka Pubblika tal-Belt. Huwa ndifen f'qabar komuni, mhux immarkat, fil-Kolleġġjata ta San Pawl Nawfragu, il-Belt.

### Jikteb fuq San Ġorġ fl-Istorja ta' Għawdex

Żgur li De Soldanis hu marbut ma' l-Istorja ta' Għawdex. Kieku De Soldanis ma kitibx *Il Gozo Antico-Moderno e Sacro-Profano*, kieku ħafna mill-istorja ta' Għawdex il-lum tinsab mitlufa. Dan il-ktieb baqa' ma ġie stampat qatt, u kellu jkun Mons. Ġużeppi Farrugia li stampah fl-1936 u fl-1953, f'żewġ volumi. Huwa stampa traduzzjoni tiegħu bil-Malti. Ta' min jgħid li l-Fondazzjoni Belt Victoria kienet ħarġet edizzjoni *facsimile* ta' dan il-ktieb fl-1999.

Ta' min jgħid li mill-kitba tiegħu nistgħu ngħidu li De Soldanis kien midħla sew tal-knisja ta' San Ġorġ. Hu jinfurmana fil-ktieb tiegħu li l-kleru tagħha huwa "bostani", jiġifieri numeruż, u "jaqdiha b'ħerqa kbira". Huwa jsemmi karti qodma li jsemmu f'din il-knisja l-viżti pastorali u l-bini mill-ġdid tagħha fl-1672, bl-għajnuna ta' l-Universitas, il-prekursur tal-Kunsill li għandna l-lum, u anki tal-poplu. Isemmi wkoll li fi żmienu l-knisja kienet mgħammra b'kull ma kien jixraq għas-servizz liturġiku. Fl-aħħar nett jikkonkludi li, kieku ried, seta' jikteb ħafna iżjed fuq l-istorja ta' din il-knisja, imma minħabba nuqqas ta' spazju, ma kitibx. Veru ħasra!

**Prokuratur ta' l-Altar ta' l-Erwieħ**

Fil-kotba li ħarġu biex jikkommemoraw lil De Soldanis, ma tantx saret enfasi li De Soldanis kien Prokuratur ta' l-Altar ta' l-Erwieħ ta' din il-Bażilika. Ta' min jgħid li huwa kien ikkummissjoni l-altar ta' l-irħam, opra prestiġjuża li hemm f'din il-knisja, lill-marmista famuż Gio Antonio Durante, u d-disinn kien ta' xejn inqas mill-pittur Malti Francesco V. Zahra. Dan jirriżulta minn kuntratt li kien sab il-kollega tiegħi Dr Eugene F. Montanaro xi snin ilu.

Importanti nsemmu wkoll li De Soldanis irrekordja sejba arkeoloġika importanti li nstabet f'din il-knisja. Huwa jirrakkonta li meta kienu qed jibdlu dan l-altar li qegħdin insemmu, meta qalgħu l-mensla ta' l-altar, sabu li din kienet skrizzjoni Rumana, u b'xorti tajba ħallielna traskrizzjoni – jiġifieri kopja – ta' din l-iskrizzjoni. Hu jikkonkludi li din l-iskrizzjoni x'aktarx li kienet tas-sena 138 WK jew inkella 180 WK.

**Ħabb lil Għawdex**

Fl-aħħar nett jixraq li ngħidu kelma dwar impressjoni li ħarġet mill-ktieb li kkommemora lil De Soldanis. F'waħda mill-ittri li bagħat lil wieħed mill-għorrief sħabu f'Pariġi, hu jgħid li jiddispjaċih li fil-gżira ta' Għawdex ma tantx hemm kult lejn l-alla Minerva. L-alla Minerva hi l-alla tal-letteratura u tal-poeżija. Min kiteb din il-kontribuzzjoni fil-ktieb li jikkommemora lil De Soldanis ikkonkluda li De Soldanis kien jistħi jew inkella jitmeżmeż li hu Għawdxi. Naħseb li hija konklużjoni li ma tistax tkun iktar bogħod mir-realtà. Din l-istess kelma hija dik li tissejjaħ *cliché*, li kienet tintuża ħafna min-nies li kienu letterati. L-istoriku ta' l-Ordni Bartolomeo dal Pozzo, li żgur ma kienx qed jirriferi għal Għawdex meta kien qed jitkellem, qiegħed jgħid li fil-Belt Valletta ta' żmienu – ta' żmien l-Ordni – ukoll ma kienx hemm kult ta' Minerva. Allura dan huwa terminu letterarju li wieħed kien juża fl-ittri, bħal meta kienu jiktbu fl-ittri: "Jiena tajjeb… Nispera li int tinsab tajjeb bħali"! Hija *cliché*.

Għalhekk jixraq li De Soldanis jiġi mfakkar b'mod prominenti f'Għawdex, u l-Fondazzjoni Belt Victoria l-lum qed tfakkru b'din il-plakka fi Pjazza San Ġorġ quddiem il-knisja li huwa qeda għal numru ta' snin.

---

## Diskors ta' Dr Samuel Azzopardi, Sindku tal-Belt Victoria

Sinjuri Kunsilliera,
Monsinjur Arċipriet,
Monsinjur Farrugia,
President tal-Fondazzjoni,
Sinjuri Distinti,

Wara dak id-diskors erudit tal-kollega tiegħi n-Nutar Pisani, diffiċli nagħmel diskorsi aħjar. Imma hu żgur li bħala Sindku nixtieq nirringrazzja lil din il-Fondazzjoni Belt Victoria – li propju anki għandha l-isem ta' din il-belt – illi ħadet din l-inizjattiva u għażlet li tfakkar iben denn ta' din il-belt. In-Nutar Pisani kkwota lil xi ħadd li kien jgħid li De Soldanis kien jitmeżmeż li kien minn Għawdex. Jien għadni ma sibtx, kemm bħala Sindku u kemm mhux bħala Sindku, l-ebda bniedem li qatt staħa jgħid li hu miċ-ċentru urban ta' din il-gżira!

Din il-Fondazzjoni għandha sens ċiviku qawwi, għax ħasbet li tikkommemora persuna li m'għadx fadlilha l-familja tagħha. Ġeneralment, ftit wara li persuna importanti tiġi nieqsa, ikun hemm moviment min-naħa tal-familja biex jagħmlulha monument, li hi ħaġa tajba ħafna. Imma żgur li De Soldanis ma kellux familja. Żgur li l-Fondazzjoni, allura, hija wkoll, biex ngħidu hekk, il-familja adottiva tiegħu.

Bħala Kunsill sibnieha naturali li nagħtu s-sostenn sħiħ tagħna lil din l-idea. Jiena l-ewwel li kellemni fuqha kien Monsinjur Farrugia, iben ta' din il-belt li jirsisti ħafna għall-avvanz kulturali – għall-alla Minerva! – fiċ-ċentru urban ta' din il-gżira.




Il-kliem tiegħi l-lum jdur kollu ma' grazzi lil din il-Fondazzjoni li ħasset li kellha tagħmel din il-kommemorazzjoni dejjiema ta' iben denn ta' din il-belt. Ippermettuli ngħid grazzi wkoll lill-istess Fondazzjoni tal-Mużew li għada sa jiġi inawgurat. Żgur li aħna bħala Kunsill, f'isem il-poplu tar-Rabat, aħna midjunin lejn din il-Fondazzjoni ta' dan ir-rigal li ħa tagħti lil din il-belt.

Fl-10 ta' Ġunju tkun għalqet is-sena li fakkret il-mija u ħamsa u għoxrin sena minn meta r-Reġina Victora rrikonoxxiet dak li kien ilu naturali għal tant snin f'din il-belt: tat id-dinjità ta' Belt bl-isem Victoria lil din il-komunità. Allura kienu jixirqu wkoll kemm din il-kommemorazzjoni lil De Soldanis u kemm, għada, il-ftuħ uffiċjali tal-Mużew.

Ippermettuli ngħid ukoll li f'proġett li l-Kunsill irnexxielu jakkwista fondi ta' l-Unjoni Ewropea għalih, li huwa l-*Heritage Trail* fil-Belt Victoria, dan il-Mużew huwa wieħed mit-tappi għal persuna lokali jew turist li jixtieq jagħmel din it-*trail*.

Ma jifdalli xejn ħlief li nerġa' ngħid, f'isem il-kunsilliera sħabi, f'isem il-Kunsill u f'isem il-komunità ta' din il-belt, grazzi u grazzi ħafna!

# Inawgurazzjoni Uffiċjali tal-Mużew u Ċentru Kulturali Il-Ħaġar – Heart of Gozo

Is-Sibt 23 ta' Frar 2013, 9.00am, Pjazza San Ġorġ

## Diskors tas-Sur Antoine Vassallo, President tal-Fondazzjoni Belt Victoria u *Project Leader*




Onorevoli Prim Ministru,
Eċċellenza Reverendissma,
Sur Sindku tal-Belt Victoria,
Onorevoli Sinjuri,
W.Rev. Arċipriet u Membri tal-Kapitlu,
Reverendi Sinjuri,
Sinjuri Benefatturi,
Membri u ħbieb,

Sa minn żgħoriti kont nisma' bil-bżonn ta' Mużew "ta' San Ġorġ" li jħares u jivvalorizza t-teżori frott l-għaraq ta' niesna. Taħt l-Arċiprieti Mercieca u Borg rajt l-ewwel passi lejn it-twettiq ta' din it-tama. L-Arċipriet Farrugia ġabar madwaru persuni lesti jagħtu sehemhom b'entużjażmu.

Twaqqfet il-Fondazzjoni Belt Victoria bi skop prinċipali li, f'awtonomija meħtieġa iżda sintendi f'kollaborazzjoni reċiproka mal-parroċċa, f'qafas ta' ħidma kulturali varja ta' livell, twassal għar-realizzazzjoni ta' din il-ħolma.

Il-Fondazzjoni mill-bidu tgħammret b'voluntiera li b'din il-mira joffru ħila u ħeġġa, ħin u sengħa, *senz'interessi*, anzi ta' spiss bi flushom stess.

F'dawn l-aħħar ftit snin esperjenzajt sapport inċessanti, kemm minn "ta' ġewwa" u kemm minn dawk li ma kellhom l-ebda obbligu li jagħtuh – sempliċement fehmu u qablu!

Iżda x-Xitan ma jaħmilx opra tajba, u allura m'għandniex nistagħġbu li kellna naffrontaw ċerti problemi, anki inaspettati minn fejn waslu – intoppi li xorta komplew jixprunawna.

Ma għandniex ħin biżżejjed għal listi ta' ismijiet għal ringrazzjamenti; mela, nillimita ruħi billi kemm nirreferi għal tant li daħlu fl-iskema *€150 agħmilhom Elf* u individwi oħra, fosthom ħabrieka f'kumitati, u ministeri u istituzzjonijiet.

Mit-twelid tal-Fondazzjoni Belt Victoria fl-1998, kellna diversi tappi essenzjali lejn it-23 ta' Frar 2013; ngħidu aħna, l-akkwist tat-tielet propjetà biex jinħoloq spazju adegwat, il-permess tal-*Mepa*, il-kuntratt ma' San Ġorġ dwar it-tmexxija tal-Mużew u l-*grant agreement* mal-awtorità maniġerjali tal-Fondi għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew li pprovdielna 85% tal-biċċa l-kbira ta' l-ispejjeż – qrib miljun ewro li mingħajru lanqas timmaġina li tidħol għal proġett bħal dan.

Proġett b'viżjoni ċara, imsejsa anki fuq sejħat pontifiċji. Madwar firxa qawwija ta' esibiti ta' valur storiku u artistiku, nużaw mezzi mill-iktar moderni biex il-viżitaturi jkunu jistgħu japprezzaw aspetti tas-soċjetà li ħolqithom. Il-proposta ERDF semmejnieha *"The Making of a People"* – u anki dawra mgħaġġla mal-Mużew tasal bla sforz għall-konklużjoni li dak li aħna ssejjes fuq il-fidi, fuq id-dîn tal-ġnus li missejna magħhom.

Is-sinsla prominenti li tgħaqqad is-sulari turi dan fuq idea oriġinali u b'realizzazjoni impressjonanti, li ma tagħmilx għajb għall-kollezzjoni ta' pitturi, statwi, dokumenti u oġġetti oħra, li bdejna nirrestawrawhom ukoll. Għandna tant li kien jew għadu jintuża għall-kult – verament kulturali fiż-żewġ sensi. Għalkemm ma aħniex ristretti għall-kultwali biss, ftit hawn li tista' timmaġinah miftum mill-għeruq reliġjużi, anzi Nsara.

Barra swali tradizzjonali, għandna kmamar fejn tkun tista' tagħżel xeni karatteristiċi u tisma' l-ħsejjes ta', ngħidu aħna, il-festa. U, anki madwar l-esibiti stess, se noffru l-possibbiltà li interattivament taqra informazzjonijiet kuntestwali ta' l-opra li tkun quddiemha, lil hinn mill-ftit sentenzi stampati magħha. Tajna attenzjoni għall-vetrini, bi klima kontrollata, u għall-aperturi. Lanqas ittraskurajna aspetti ekoloġiċi. Ħassejna li ma nistgħux ma nkunux *state of the art*!

Bla vena poetika, l-ebda deskrizzjoni ma tkun xierqa għal *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*. Bil-kelma Berbera nirreferu għal komunità formata minn binjiet mgħammra, waqt li għat-tieni parti ta' l-isem morna għall-ilsien internazzjonali ta' żmienna, u b'sens doppju: ċentralità kemm ġeografika u kemm simbolika.

Iva, dawk kollha li jżuruna rriduhom iħossu l-qalb tħabbat ta' l-identità tagħna – saħansitra anki l-barranin fosthom nimmiraw li joħorġu b'qalbhom tbaqbaq magħna! Il-websajt li qed tinbena trid tgħin sew ukoll, kemm bi preparazzjoni għal żjara u kemm biex issaħħaħ l-esperjenza. Fl-isforzi biex tingħata ħajja lil dawn in-naħat, riżorsi forsi ftit reqdin, *Il-Ħaġar* ma jistax jibqa' statiku; se jkun proċess kontinwu – dejjem *work in progress* b'żidiet u bidliet, anki b'esibiti temporanji (imħabbra fis-sit elettroniku *heartofgozo*), hekk li l-ebda żjara ma tkun definittiva.

Żgur intom fuq ix-xwiek li tibdew idduqu din l-esperjenza. Allura, b'ferħ u sodisfazzjon – anki f'isem kull min ta sehmu – nistieden issa lill-Onorevoli Prim Ministru biex jinawguralna *Il-Ħaġar*, frott ta' tant sforzi biex din il-ħolma tagħna ssir realtà għal kulħadd.

## Diskors ta' l-Onorevoli Lawrence Gonzi, Prim Ministru

Onorevoli Ministri,
Mistiedna distinti,
Sinjuri,

Huwa b'sens ta' sodisfazzjon u kburija nazzjonali li qiegħed hawn dal-għodu magħkom biex ninawguraw *The Heart of Gozo – Il-Ħaġar*.

Din hi attività kulturali, artistika, edukattiva u ekonomika. Ċelebrazzjoni ta' investiment ieħor ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea u tad-deċiżjoni t-tajba li nissieħbu fl-Unjoni Ewropea. Hi wkoll ċelebrazzjoni ta' investiment ieħor fi proġett li jirrendi għal pajjiżna – proġett li joffri vetrina ta' l-identità ta' pajjiżna u tal-poplu tagħna.

Dan il-proġett jixhed ir-rwol tas-soċjetà ċivili u tal-valur tal-volontarjat f'pajjiżna. Ix-xogħol, id-dedikazzjoni u l-professjonalità tal-Fondazzjoni Belt Victoria fit-twettiq ta' dan il-proġett għandhom l-apprezzament tiegħi u tal-Gvern immexxi minni kif ukoll tal-poplu Malti u Għawdxi.

Sinjuri, kull pajjiż għandu identità nazzjonali li evolviet tul is-sekli u li ġiet magħġuna minn numru ta' fatturi, inkluż ir-reliġjon kif ukoll il-ħakkiema differenti. L-evoluzzjoni ta' din l-identità tibqa' dokumentata fl-arkitettura, fl-arti u fil-lingwa, fost l-oħrajn.

F'pajjiżna, il-ħaġar u l-ġebel jibqgħu dokument oriġinali ta' l-iżvilupp ta' l-identità tagħna u ta' l-istorja tal-poplu tagħna. Jekk induru dawra mal-wirt storiku ta' pajjiżna, insibu li l-poplu Malti tul is-sekli kkultiva u ddokumenta d-dimensjoni spiritwali tiegħu fix-xogħol tal-ġebla. Mill-eqdem tempji tal-ġebel, inkluż il-Ġgantija, sa kappelli qalb ir-raba', sa knejjes fil-qalba tal-bliet u rħula.

L-arkitettura ta' pajjiżna – ta' kull forma, epoka u stil – hi arkitettura li tiddokumenta l-identità ta' poplu ħabrieki, produttiv u kreattiv. Arkitettura li żżewqet b'tant oġġetti oħra ta' l-arti, fosthom pitturi, fided u oġġetti sagri oħra.

Tul is-sekli, il-poplu Malti u Għawdxi kkultiva r-rabta bejn it-twemmin tiegħu u l-esperjenza tiegħu fix-xogħol tal-ġebel u fl-arti u tant snajja' oħra.

Dan il-Mużew joffri vetrina fuq dan il-patrimonju u wirt storiku li aħna tant kburin bih.

Sinjuri, il-ħarsien ta' l-identità tagħna, waqt li hu diskors ta' natura kulturali, għandu wkoll aspett importanti ekonomiku. It-turiżmu huwa għalina lkoll investiment fil-wirt kulturali, bħalma l-wirt kulturali hu l-isbaħ vetrina li għandna x'noffru lit-turisti minn kull naħa tad-dinja. Il-kura ta' l-imgħoddi tagħna hi għalhekk għaqal favur il-futur tagħna u ta' dawk li ġejjin warajna. Hija wkoll investiment fl-ekonomija tagħna fil-preżent, b'investiment privat u tal-Gvern li qed jittraduċi ruħu fil-ħolqien ta' aktar postijiet tax-xogħol.

Għalhekk l-impenn tal-Gvern favur il-wirt storiku ta' pajjiżna. Tul dawn l-aħħar ħames snin, Gvern immexxi minni investa aktar minn ħamsa u sebgħin miljun ewro fil-patrimonju storiku. Fost il-proġetti nsibu l-proġett tar-restawr tas-swar ta' pajjiżna, inkluż taċ-Ċittadella, it-tined protettivi u ċ-ċentru għall-viżitaturi f'Ħaġar Qim u l-Imnajdra, u r-restawr fit-Tempji tal-Ġgantija. Beda wkoll ir-restawr tal-Forti Sant'Anġlu u Sant'Iermu. Se jinbeda



wkoll il-proġett ta' ċentru għall-viżitaturi fiċ-Ċittadella. Dan minbarra tant proġetti oħra li qed jagħmlu tant Kunsilli Lokali, inkluż dak tal-Belt Victoria. Proġetti li mhux biss se jtejbu l-prodott li joffri pajjiżna bħala proposta kulturali lid-dinja, imma huma wkoll proġetti li qed joħolqu mijiet ta' postijiet tax-xogħol. Grazzi għal dan u tant inizjattivi oħra, l-ekonomija Maltija kompliet tikber b'rata aktar mgħaġġla mill-medja Ewropea u hekk biss stajna noħolqu aktar minn 20,000 post tax-xogħol.

Sinjuri, ħafna minn dawn il-proġetti huma wkoll frott ta' deċiżjoni għaqlija li ħadna bħala pajjiż bi sħubija fl-Unjoni Ewropea. Dawn il-proġetti ta' restawr u riġenerazzjoni kulturali, jingħaqdu mal-benefiċċji kollha l-oħra tal-fondi Ewropej li qed jagħmlu tant differenza fil-ħajja tagħna lkoll, mit-toroq sa l-investiment fis-saħħa, fl-isptarijiet, speċjalment dak ta' Għawdex, u fl-edukazzjoni u t-taħriġ bi programmi biex żgħażagħ jitħarrġu u jsibu x-xogħol. Dawn il-fondi u l-benefiċċji li ksibna huma frott tal-viżjoni u tal-ħidma tal-Gvern.

Intom ilkoll, li qed taraw it-tibdil li ġabu magħhom dawn il-fondi, speċjalment fil-gżira Għawdxija, tapprezzaw l-importanza u l-ħidma bla waqfien tal-Gvern biex ksibna elf, mija u tmienja u għoxrin miljun ewro għas-seba' snin li ġejjin. Kienu negozjati iebsin, imma rnexxielna nakkwistaw pakkett ta' fondi li se jkomplu jagħmlu differenza fil-ħajja tan-nies. Issa rridu naħdmu bil-għaqal dwar kif se ninvestu dawn il-fondi f'pajjiżna biex noħolqu aktar impjiegi, ninvestu aktar fis-saħħa u fl-edukazzjoni, ngħinu bi skemi setturi differenti, fosthom sidien ta' negozji żgħar u medji, bdiewa, raħħala u sajjieda, inkomplu ntejbu l-infrastruttura u l-ambjent ta' pajjiżna, speċjalment f'Għawdex. Iva, il-Gvern determinat li jinvesti aktar minn mija u għaxar miljun ewro f'Għawdex biss. Permezz ta' l-użu għaqli u responsabbli ta' dawn il-fondi, flimkien ma' tant miżuri u proġetti oħra, se nkomplu noħolqu x-xogħol għaż-żgħażagħ tagħna.

Sinjuri, aħna nibqgħu nazzjon b'identità u poplu kburi bi ġrajjietu. Konvint li dan hu proġett li jsib l-apprezzament tagħna lkoll għax jesponi b'mod uniku l-evoluzzjoni ta' din l-identità tagħna. Għalhekk nirringrazzja u nfaħħar lill-Fondazzjoni Belt Victoria ta' dan l-investiment sabiex jgħinna nagħrfu dejjem aktar aħna min aħna u li jesponi dan il-wirt u l-identità lit-turist barrani.

Grazzi.






1551 AD
1551 AD
1091 AD
1091 AD
















**Ħinijiet tal-ftuħ:**
Mit-Tlieta sal-Ħadd
11.00am – 7.00pm
(it-Tnejn ikun magħluq)

Kbar €5
Bi skont €3
Familja €10

www.heartofgozo.org.mt



## Diskors ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana



Huwa pjaċir tiegħi illi nassisti għal din l-inawgurazzjoni u nkun preżenti fil-kitba ta' din il-ġrajja straordinarja.

Huwa straordinarju l-istess proġett: issa x'ħin tarawh, tikkonfermaw kemm huwa straordinarju! Jien apprezzajt ħafna dak li qal ftit ilu l-Prim Ministru meta qal: "Din hija ġrajja nazzjonali"; m'hix sempliċement tal-Parroċċa ta' San Ġorġ jew tad-Djoċesi ta' Għawdex. U naħseb illi x'ħin naraw din il-vetrina, tikkonfermaw dan li qegħdin ngħidu.

Irid insellem lil dawk kollha li b'mod volontarju taw sehemhom biex fi żmien relattivament qasir tellajna dan il-proġett staordinarju. Irrid pubblikament nirringrazzja, f'ismi u f'isem l-Arċipriet, lilek, Monsinjur [Ġużeppi] Farrugia, lilek, Antoine Vassallo, u lil sħabkom, li għaddejtu ħafna mill-ħin u l-enerġija tagħkom biex il-lum nistgħu ngawdu dan il-mużew straordinarju.

Huwa straordinarju wkoll għall-Parroċċa ta' San Ġorġ. Il-parroċċi tagħna m'humiex parroċċi kbar, imma, għalkemm ċkejknin, issa nistgħu naraw l-antenati tagħna xi mħabba staordinarja kellhom lejn Alla, lejn il-kult – partikularment il-kult ta' San Ġorġ , lejn il-Knisja. Huma taw l-aħjar tagħhom biex aħna l-lum nistgħu niddandnu b'dan il-wirt.

Imma hu straordinarju wkoll għaliex fih nistgħu naraw l-istaordinarjetà tal-fidi. Jien hawnhekk warajja għandi kolonna li tirrappreżenta ċ-ċiviltajiet. Tibda minn isfel nett, imbagħad xi mkien hemm iċ-ċiviltà Griega – allura tal-ħsieb u l-filosofija; hemm iċ-ċiviltà Rumana – allura d-dritt u l-liġi; imma mbagħad hemm iċ-ċiviltà Kristjana, li tat kulur u sustanza liċ-ċiviltajiet kollha.

Jiena dan ngħidu mhux biss b'sens ta' apprezzament, imma wkoll bħala programm, għaliex irrid nemmen li anki dan il-Mużew jista' jikkontribwixxi mhux biss biex jurina ċ-ċiviltajiet ta' l-imgħoddi, imma anki biex tkompli tinbena ċ-ċiviltà tal-lum. Dan il-mużew jurina li l-fidi għenet ħalli min kien iħobb l-arti, seta' jesprimi l-artistrija tiegħu. Il-fidi għenet biex min kien artiġjan, seta' juri l-ħila tiegħu. Il-fidi għenet anki biex ikun hawn l-ekonomija: din tfisser ukoll industrija. Fuq kollox il-fidi wriet li kienet kapaċi tibni nies ta' sinsla, li kellhom ċerti valuri u, imbuttati minn dawk il-valuri, ikkummissjonaw jew ħadmu dawn l-opri ta' l-arti li qegħdin naraw.

U jiena konvint li l-fidi tagħna – li għadha fidi ħajja – il-lum ukoll tista' tkompli tikkontribwixxi ħalli ttejjeb iċ-ċiviltà tagħna, li hija ċiviltà Kristjana, imma hija ċiviltà wkoll umana. U m'hemm xejn li jħammarli wiċċi li jiena nippreżenta l-fidi tiegħi fi Kristu li tista' tkun ta' ħmira biex ittejjeb il-kundizzjoni tagħna l-bnedmin!

Ta' dan kollu jiena rrodd ħajr lil dawk kollha li b'mod jew ieħor sostnew dan il-proġett, biex il-lum qegħdin nassistu għal din il-ġrajja. Ġrajja straordinarja, u allura titlob anki barka kbira minn Alla l-Imbierek, ħalli jkompli Hu jseddaq bil-barka tiegħu dan il-post, ħalli jkun ukoll fonti ta' grazzja għal dawk kollha li jżuruh.



# Kunċert mill-Kappella Pontifiċja 'Sistina' Super Fundamentum Apostolorum

Is-Sibt 23 ta' Frar 2013, 8.00pm, Bażilika San Ġorġ

## Diskors minn Mons. Dr Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, Kordinatur tal-Proġett u Kuratur tal-Mużew



Your Lordship, Mgr Mario Grech, Bishop of Gozo
and Dean of the Chapter of this Basilica,
Your Lordship, Mgr Charles J. Scicluna,
Auxiliary Bishop of Malta,
Honorary Giovanna Debono, Minister for Gozo,
Most Rev. Mgr Filippo Colnago,
*Charge d'Affairs* of the Apostolic Nunciature of Malta,
Most Rev. Monsignors, Canons, Clergy,
Distinguished Guests,

"When faith meets art, a profound harmony is created, since both can and want to speak of God, rendering the invisible visible".

These words by our most Holy Father Benedict XVI testify to the supreme theological acumen as well as to a pastoral sensitivity so seated to current culture, a culture that is in such a danger of losing even the sense of beauty, that is of thought.

In your presence, and not indeed in your name, I would like to render homage to this great Pope whose theological Magisterium evokes the depth of the Fathers of the Church, not only for its intrinsical truth, but also for its accessibility to people who stand outside the visible boundaries of the Catholic Church.

Faith, of course, speaks of God, or rather, responds to God, who speaks to us. Art is one form of this response, coming from man, created in the image of God, but not in a static image of God, rather a dynamic image of God, seeking to become more perfectly the image that man, woman already is.

*Il-Ħaġar – Heart of Gozo*, our new museum, is meant to express these truths in the illustration that is given of humanity seeking God – in the succession of religions that visited this desire – from the prehistoric up to Christianity, which proclaims Christ as the Way to God, the Truth of God, and the Life who is God.

In its little way, *Il-Ħaġar*, signifying the people of Gozo, gathered in civic and religious culture and civilizations, wishes to proclaim these truths, respectfully, boldly, but especially beautifully, to some extent rendering the invisible visible.

The *Cappella Musicale Pontificia Sistina* adds a unique sheen to this effort of ours, that is, of the Fondazzjoni Belt Victoria, in collaboration with the Archpriest and clergy of the Basilica. In your name, and particulary in the name of Can. George J. Frendo, I would like to welcome with profound warmth and gratitude the Musical Director of the Papal Choir, Mgr Mro Massimo Palombella SDB, as well as all the members of this world-renowned musical chapel.

In welcoming you, I hope you will allow me to express a particular reverence and of deep love for His Holiness during these last days of his pontificate, which will not only prove to be unforgettable but will also constitute a legacy that will continue to grow and define our image of God and God's image in us.

## Diskors ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana



*"Credo in unum Deum. Credo!"*. This is the best epitome that comes to my mind this evening, at the conclusion of this historic day, in this basilica, in our diocese and in Gozo.

We were gifted today! I would say the Lord has been too generous with us, when we went through two special, remarkable events, very appropriate to this basilica: the inauguration and blessing of the new museum, and tonight's concert.

Today, I feel also that we have given due tribute to art and beauty. I recall that once Dostoyevsky wrote that

humanity can do without science… Can you imagine that? Man can do without science! And he also said that man can live without bread, but not without art! I would say that today this Basilica has given a valid contribution for the appreciation of art and beauty.

But besides this human dimension underlined by Dostoyevsky, I recall something else: once Paul VI said that our ministry as priests coincides with the mission of artists. Priests and artists go hand in hand. You know why? Because we do try to deliver the same service, we both try to help you reach and appreciate truth. We as priests, when we preach, we try to proclaim the Word of God, but we use words. The artist proclaims the beauty of God, and he or she uses colours, tune, sculpture… all that belongs to art. Paul VI says that without the assistance of artists, we priests are lost for words, we priests can stagnate when we come to proclaim the Word. You see how important is art for evangelization!

Last October I happened to be in Rome for the Bishops' Synod, and for three weeks, together with our beloved Pope Benedict XVI, we tried to explore an important theme for today, not only for the Church, but for humanity: New Evangelization for the Transmission of Faith. One of the artists' propositions that we Bishops handed over to the Pope at the end of the Synod rightfully underlines the importance of dialogue between faith and art. And now I recall that once Cardinal Ravasi said a very striking statement: *"L'evangelizzazione distaccata dalla cultura è assurda"* – evangelization separated from culture is absurd.

So you can imagine how I treasure the experience we went through today. We have been gifted! For me, this is evangelization in action… So, thank you very much!

* * *

Carisimmi, grazie per la vostra presenza e per la vostra esecuzione. Grazie perché anche stasera ci avete fatto gustare l'anno liturgico, che è così bello. Grazie per la vostra presenza, che per noi ha un significato più profondo, perchè, accogliendo voi, noi stiamo accogliendo il Santo Padre. Voi siete qui perchè è stato il Santo Padre a concedere il permesso per questa esibizione. Ma è ancora più apprezzabile sapendo che questo concerto è l'ultimo che il Coro della Cappella Sistina tiene durante il pontificato di Benedetto XVI. Abbiamo ricevuto una grazia! Anche questo è un evento storico.

Cari miei, caro mons. Massimo Palombella, le chiedo di porgere il nostro affettuoso saluto e caloroso abbraccio al Santo Padre, al vostro ritorno a Roma. La vostra visita in mezzo a noi rafforza il legame che c'è tra questa Chiesa di Gozo e il Santo Padre.

In questi anni abbiamo avuto un grande privilegio, giacchè uno dei nostri sacerdoti uno dei sacerdoti di questo presbiterio – mi sto riferendo a mons. Alfred Xuereb – ha prestato il suo servizio nella famiglia pontificia. E per questo noi siamo molto grati.

Se grazie a don Alfredo abbiamo sentito il Santo Padre molto vicino a noi, questa sera, con la vostra presenza, tale vicinanza si rafforza. E noi vi assicuriamo che porteremo nel nostro cuore questa memoria, non soltanto vostra ma anche del Santo Padre.

Grazie!



# Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' Radd il-Ħajr

Il-Ħadd 24 ta' Frar 2013, 11.00am, Bażilika San Ġorġ

## Diskors tal-W.R. Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ

Eċċellenza Reverendissima,

F'kull epoka nsibu kitbiet li jirrakkontaw l-istorja ta' dak li jkun ġara jew qed jiġri.

Jinkitbu ġrajjiet ta' ferħ u anki ġrajjiet ta' niket. Kollha juru l-ħiliet jew dgħufija tal-bniedem. Dan insibuh kemm fuq livell spiritwali u kemm fuq livell soċjali.

Anki l-istess Kotba Mqaddsa juru l-istorja ta' kif Alla dejjem mexa mal-bniedem biex iwasslu għas-salvazzjoni. Għandna kotba ta' storja li juruna f'liema attroċitajiet jista' jasal il-bniedem.

Għandna wkoll kotba ta' storja li nkitbu dwar persunaġġi li ħallew marka fil-karriera tagħhom u anki kitbiet oħra li waslu għandna minn persunaġġi li kitbu l-memorji tagħhom.

Anki fuq dan il-livell għandna awtobijografiji ta' diversi qaddisin.

Dan l-isforz kollu jsir biex il-bniedem ma jinsiex il-marka taż-żminijiet li għaddew u jinqeda bihom biex jevita dak li hu ħażin u jimita dak li hu tajjeb u anki jipperfezzjonah.

Fl-istorja ta' l-arti wieħed juri l-għaġeb tiegħu meta jara u jaqra dwar ċerti opri li saru żmien twil ilu u għadhom ikkonservati tajjeb sal-lum minħabba l-ħila li bihom saru minkejja li ma kienx hemm il-mezzi moderni li nafu bihom il-lum.

Barra l-kitbiet ta' l-istorja, wieħed irid issemi wkoll postijiet antiki li ġew mibdula f'mużewijiet u anki postijiet oħra li nbnew apposta biex jinġabru fihom oġġetti marbuta ma' l-istorja tal-bniedem. Fost dawn insibu għodod, armi u anki oġġetti ta' dekorazzjoni..

Il-mużew minnu nnifsu jsir għal min iżuru ktieb viżiv ta' poplu, ta' lokal, ta' komunità, ta' reliġjon u l-bqija.

Dawn l-oġġetti, anki jekk ma jkunx għadhom jintużaw, jitkellmu weħidhom dwar il-ħila tal-bniedem, dwar l-użanzi tiegħu, u fuq kollox dwar t-twemmin tiegħu.

Jekk il-lum qegħdin nitkellmu dwar il-Mużew tal-



Parroċċa tagħna, *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*, dan ifisser li qegħdin ngħaddu lil ta' warajna storja viżiva ta' din il-parroċċa.

Il-lum qed ngħixu f'era teknoloġika u għalhekk ftit napprezzaw dak li sar u dak li qed ingawdu li huwa frott ta' tant għaraq, sagrifiċċji, dedikazzjoni, u mħabba ta' dawk ta' qabilna.

Għalhekk hija idea ta' min ifaħħarha ħafna din tal-Fondazzjoni Belt Victoria li jkollna dan il-Mużew b'tant oġġetti ta' storja, ta' fidi u ta' kultura, li jfakkru l-mixja ta' l-istorja ta' din il-parroċċa Ġorġjana, tant maħbuba minna lkoll.

Jalla dan il-Mużew iservi mhux sempliċement bħala post turistiku, imma biex mis-skiet tiegħu jitkellem b'leħen qawwi dwar l-imħabba li wrew ta' qabilna lejn Alla u lejn dan it-tempju, u fl-istess ħin iħeġġeġ lilna li qed ngħixu f'dan iż-żmien biex bl-istess imħabba u dedikazzjoni nkomplu niktbu l-istorja għal ta' warajna.

Grazzi, Eċċellenza, tal-preżenza paterna tiegħek fostna.

## Omelija ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana

**Test tal-Vanġelu:** Lq 9:28-36

"Kemm hu sew" – jew aħjar – "kemm hu sabiħ li aħna hawn!" (Lq 9:33). Nuża l-espressjoni li qal Pietru biex inpoġġiha fuq fommna dal-għodu. Kemm hu sabiħ li aħna qegħdin hawn, f'din il-Bażilika!

Il-Vanġelu jirrakkontalna l-epifanija tal-ġmiel ta' Kristu, tant illi San Luqa jgħidilna li Kristu ħwejġu saru bojod u l-glorja tiegħu strieħet fil-madwar. Fil-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni għandna din il-manifestazzjoni, l-epifanija



tal-ġmiel ta' Alla. Imma jiena nista' ngħid li dawn il-jiem aħna għexna mumenti fejn kellna wkoll "epifanija" tal-ġmiel, partikularment il-bieraħ, biex ngħid hekk, l-aħħar episodju fid-damma ta' ġrajjiet sbieħ ta' l-istorja ta' din il-Bażilika u din il-parroċċa. Il-bieraħ fil-għodu inawgurajna l-Mużew il-ġdid, u fil-għaxija kellna x-xorti nassistu għall-Kunċert mill-*Cappella Sistina*.

Jien inħossni komdu nuża din il-frażi tal-Papa Pawlu VI, li l-bieraħ, quddiem din il-manifestazzjoni ta' l-arti, aħna kellna "epifanija tal-ġmiel". U għandna bżonnha! Għax jekk nerġa' mmur għall-Vanġelu... għaliex il-Mulej Ġesù ħass li kellu jagħmel dan id-don u jimmanifesta l-ġmiel tiegħu lil Pietru, Ġakbu u Ġwanni? Għax kien jaf li ftit qabel kien ħabbrilhom li kien meħtieġ li jmur Ġerusalemm, u hemmhekk kien hemm jistennewh il-Passjoni u l-Mewt tiegħu. Kien jaf Ġesù li ftit iktar 'il quddiem l-Appostli kienu sa jkunu xhieda ta' xena kerha – il-Passjoni u l-Mewt tiegħu. Allura, biex ma jaqgħux fid-disperazzjoni u l-qtigħ il-qalb, il-Mulej Ġesù jdewwaqhom il-ġmiel tas-Sema.

Nista' ngħid illi jekk aħna l-lum fil-ħajja tagħna ta' kuljum irridu nevitaw illi anki aħna naqgħu fid-disperazzjoni quddiem ċerti xeni xejn sbieħ, aħna għandna bżonn ukoll li niggustaw il-ġmiel, għandna bżonn nitħarrġu iktar biex l-għajnejn tagħna, il-qalb tagħna, il-menti tagħna jistrieħu fuq il-ġmiel veru.

Imma liema ġmiel? Aħna madwarna naraw ħafna riflessi ta' sbuħija. Il-ħolqien huwa manifestazzjoni ta' ġmiel, l-arti hija manifestazzjoni tal-ġmiel: l-arti tal-pittura, l-iskultura, il-letteratura, il-mużika... Dawn kollha huma xrar tal-ġmiel. Imma dan kollu huwa l-ġmiel inkomplet, il-ġmiel maħluq, dan huwa l-ġmiel illi jserraħ is-sensi tagħna l-bnedmin. U dak m'hux biżżejjed, għaliex dak li jserraħ tassew lill-bniedem huwa l-ġmiel mhux maħluq, il-ġmiel etern, huwa Alla, il-Ħallieq ta' kull ġmiel.

Allura anki l-ġmiel maħluq, jekk huwa xrar, huwa valur li għandu jgħin lill-bniedem jinfetaħ għal Alla. Fil-fatt element importanti tal-ġmiel huwa t-traxxendenza, il-ġmiel bħala triq li tiftaħ lill-bniedem għal Alla; kull ġmiel, ġej minn fejn hu ġej, iktar u iktar jekk dan il-ġmiel aħna napprezzawh fl-arti sagra – jiġifieri dak il-prodott li min kitbu, skolpieh, pittru, naqqxu, min ħolqu fil-fidda, bil-ħjata, xtaq idewwaqna ftit minn din is-sbuħija ta' Alla.

Fostna – u jien ma nisthix ngħid li jiena wieħed minnhom – hawn ħafna jisimhom Wistin! Għax Wistin ta' Ippona għamel ħajtu jfittex il-ġmiel! Mhux għaliex ma apprezzax il-ġmiel ta' madwaru, imma jammetti li l-ġmiel maħluq ma ssodisfahx. It-tiftix tiegħu wasslu biex jiskopri lil Kristu, il-ġmiel etern li fiż-żmien inkarna, sar bniedem: dak Kristu li kellimna fuqu l-Vanġelu tal-lum, dak Kristu li l-ġmiel tiegħu għammex għajnejn l-Appostli, hekk li joħorġu b'dik l-espressjoni straordinarja: "Imma kemm hu sabiħ li aħna qegħdin f'riġlejk!". Santu Wistin għandu dik l-espressjoni famuża: "O Ġmiel ġdid u antik! Kien tard wisq meta sibtek. Fittixtek barra minni, u Int kont ġewwa fija". U dan jiena nitlob lil Alla l-Imbierek: illi bl-għajnuniet ta' madwarna, bil-ġmiel ta' madwarna, aħna ma ndumux, anzi ngħaġġlu ħalli niskopru l-ġmiel etern, li huwa Ġesù Kristu.

Imma meta qegħdin nitkellmu fuq il-ġmiel, qed nitkellmu wkoll fuq dak li huwa veru u tajjeb. Tant hu hekk illi Ġwanni Pawlu II joħroġ bl-espressjoni li t-tajjeb huwa komponent metafiżiku tal-ġmiel. Mela m'hemmx ġmiel jekk m'hux tajjeb, jekk m'hemmx tjubija, jekk m'hemmx is-sewwa. Aħna f'Ġesù Kristu nsibu din il-milja, insibu l-ġmiel rifless fil-veru. "Jiena l-Verità", jgħidilna l-Mulej Ġesù, u mberkin aħna illi l-moħħ tagħna jistrieħ fuq il-ġmiel tas-sewwa li joħroġ minn fomm Kristu.

Fi Kristu hemm l-espressjoni massima tal-ġmiel li huwa l-imħabba. "Alla tant ħabb lill-bniedem li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3:16). U Ġesù tant ħabbna li ta ħajtu għalina. Għalhekk, aħna li qegħdin infittxu, imxennqin għall-ġmiel – u hemm bżonn li ngħaddu mil-livell tal-fenomenu, ta' dak li jidher, għal dak li huwa l-fundament – jalla naslu biex niskopru l-ġmiel ta' Alla l-Imbierek li deher f'Ġesù Kristu, kif hu mfisser tant tajjeb fil-Vanġelu tal-lum.

Mhux ta' b'xejn li l-Mużew il-ġdid huwa bieb u għatba ma' din il-Bażilika! Għax nista' nsejjaħlu l-"*anticamera* tas-Santwarju"! Il-Mużew huwa l-*anticamera* tas-Santwarju. Għax jekk għajnejna, ġustament, jistrieħu, japprezzaw, jimlewna bil-ferħ u l-ħajja meta aħna naraw il-ġmiel maħluq mill-bniedem esebit fil-mużew, dak għandu jimbuttana biex imbagħad naqsmu t-trejqa, nidħlu fit-tempju tal-Mulej, u hawnhekk l-għajnejn tagħna jinfetħu għall-ġmiel tas-Sema, il-Ġmiel li jserraħ il-qalb tagħna l-bnedmin.

Għalhekk minn qalbi jiena nawgura li din l-opra sabiħa tal-Mużew illi għandna issa, napprezzawha mhux biss għall-patrimonju artistiku tagħha, imma wkoll għall-patrimonju spiritwali tagħha; għaliex marbuta ma' l-arti hemm din id-dimensjoni spiritwali. U kif għidt ukoll f'komunikat li għaddejt lil ħuti s-saċerdoti kanonċi, jien nixtieq li dan il-Mużew ikun għodda pastorali għaż-żminijiet tal-lum, fid-dawl tar-riflessjoni li qsamt magħkom dal-għodu. Għaliex il-Knisja temmen, jien nemmen li t-triq tas-sbuħija, il-*via pulchritudinis*, hija t-triq li għandna nterrqu biex naslu għand Alla, biex il-bniedem fl-aħħar mill-aħħar ikun kuntent u fil-paċi miegħu nnifsu, mal-ħolqien u ma' Alla.

Nispiċċa b'sentenza qawwija ta' Santu Wistin, bil-Latin: *"Non possimus amare sine pulchrum"* – ma nistgħux inħobbu jekk ma napprezzawx is-sabiħ, il-ġmiel! Kif nista' nħobb jekk m'hemmx il-ġmiel li jaħtafni, jittraxxinani, jisseduċini? U dak il-ġmiel li jista' joħloq fina din ir-rivoluzzjoni huwa l-ġmiel ta' Alla!



# KWADRI U STATWI RRESTAWRATI

Charles Cassar

*Bi preparazzjoni għall-ftuħ tal-Mużew* Il-Ħaġar – Heart of Gozo*, il-Kumitat fi ħdan il-Fondazzjoni Belt Victoria ħa l-inizjattiva biex numru ta' kwadri u statwi imprezzabbli fil-kollezzjoni tal-Bażilika ta' San Ġorġ isirilhom restawr bl-għan li wara jitpoġġew għall-wiri fil-Mużew.*



**Kwadri**

Il-kwadri magħżula kienu *San Gejtanu*, xogħol ta' artist mhux magħruf; *Il-Madonna tad-Dawl*, impitter minn Gian Nicola Buhagiar (1698-1752); u dak tat-*Trinità Qaddisa*, ta' l-artist Malti Enrico Regnaud (1672-1764). Il-kuntratt tax-xogħol ta' restawr tal-kwadri ntrebaħ mid-ditta *PrevArti* tal-Mosta.

*San Gejtanu* hu xogħol tas-sbatax-il seklu u hu wieħed mill-kwadri li saru għall-knisja parrokkjali l-qadima, qabel ma nbniet mill-ġdid bejn is-snin 1672 u 1678. *Il-Madonna tad-Dawl* kien iservi bħala l-kwadru titulari fil-knisja żgħira ta' San Ġużepp tas-Suq. Din il-knisja kienet inbniet b'inizjattiva ta' l-Arċipriet Adeodato Formosa fl-1730 u ħadet post żewġ kappelli oħra antiki li kienu waħda ddedikata lill-Madonna tas-Sokkors u l-oħra lill-Madonna ta' Idria. L-aħħar kwadru restawrat, dak tat-*Trinità Qaddisa*, kien ħa post kwadru ieħor antik iddedikat lil San Omobonu. Il-lum minn flok il-kwadru ta' Regnaud insibu kwadru ieħor li popolarment hu magħruf bħala ta' San Ġużepp.

**Statwi**

L-istatwi li fuqhom sar restawr kienu wkoll tlieta. Dawn huma l-istatwa tal-*Veronika*, xogħol li kien attribwit lil Saverio Laferla (?-1761); l-istatwa l-antika ta' *Kristu Rxoxt*, ta' statwarju m'hux magħruf; u *Ecce Homo*, li ħareġ minn taħt idejn Carlo Darmanin (1825-1909). Ix-xogħol ta' restawr sar mid-ditta *ReCoop* wara li din rebħet il-kuntratt.

Permezz ta' l-intervent ta' restawr kien ikkonfermat li l-istatwa tal-*Veronika* hi verament xogħol ta' l-istatwarju Saverio Laferla. Laferla hu l-iktar statwarju antik Malti li kien jaħdem il-kartapesta. Ftit ħafna huma l-vari li għad fadal ta' Laferla. L-istatwa ta' *Kristu Rxoxt* kienet tintuża għall-purċissjoni ta' Ħadd il-Għid qabel ma saret il-vara li għandna l-lum. Karlu Darmanin, jew kif kien popolarment magħruf, Karlozzu, ħadem l-istatwa ta' l-*Ecce Homo*. Dan Darmanin tant kien popolari u ħadem statwi li baqa' magħruf bħala "il-Prinċep ta' l-Istatwarji".





**Xogħol delikat ta' restawr**

Kemm il-kwadri u kemm l-istatwi kellhom bżonn intervent studjat u delikat billi ġarrbu diversi ħsarat



matul iż-żmien. Min-naħa tagħhom, il-kwadri kienu qed ibatu minn akkumulazzjoni ta' ħmieġ li anki f'partijiet kien mgħotti b'passati ta' varniċ li sar wara, kif ukoll interventi ħżiena ta' restawr. L-istess ngħ du għall-vari. Permezz ta' dan ir-restawr aħna rġajna nistgħu napprezzaw il-kwadri u l-vari bil-kuluri li bihom kien għanihom l-artist partikulari tagħhom. Barra minn hekk, it-tliet kwadri tqiegħdu fuq tila ġdida, billi dik antika kienet attakkata minn insetti u susa. Ix-xogħol kollu ta' restawr sar bl-iżjed metodi moderni ta' l-arti tar-restawr u skond il-kodiċi riġidi ta' etika ta' l-istess arti. Tajjeb li nsemmu li dan ir-restawr sar b'għajnuna tal-Fond ta' Żvilupp Reġjonali Ewropew (ERDF).

Hawn ta' min isemmi wkoll li fost l-esebiti ewlenin tal-Mużew il-ġdid wieħed jilmaħ il-Gwarniċ tal-Fidda tal-Ventaltar tal-Festa, xogħol imprezzabbli ta' l-arti li nħadem fl-1913 mid-ditta *Ghezzi* ta' Milan fuq disinn tal-Belti Vincenzo Busuttil. Fl-aħħar xhur dan il-gwarniċ ġie mnaddaf u rrestawrat għand id-ditta *Laga* ta' Ħal Luqa.

Il-lum dawn ix-xogħlijiet sbieħ ta' l-arti jistgħu jitgawdew fil-Mużew *Il-Ħaġar*. Nisperaw li 'l quddiem ikun hemm nies li jikkontribwixxu b'fondi ġenerużi biex biċċiet oħra ta' arti jsirilhom ir-restawr meħtieġ. B'hekk il-wirt artistiku li għandna nkunu nisgħtu ngawduh aħjar aħna u dawk li jiġu warajna.

***Charles Cassar*** *għandu Baċellerat ta' l-Arti (Unuri) u Diploma fl-Arkitettura Barokka mill-Università ta' Malta.*





eko għawdex
għawdex aħjar

**Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd** | 19
LEJN TWETTIQ TA' ĦOLMA



EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
COHESION FUND

*Antoine Vassallo*
vasanti@go.net.mt

# IL-ĦAĠAR

Hekk semmejnieh il-Mużew tagħna; anzi, *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*, biex jinftiehem faċilment anki mill-barranin. U fil-fatt il-websajt hi www.heartofgozo.org.mt, b'aġġornamenti regolari ġmielhom.

Dawn l-ewwel erba' xhur ta' l-2013 kienu tassew impenjattivi – u taħsbux li l-ħidma ntemmet ma' l-Inawgurazzjoni Uffiċjali! Sa mill-aħħar perjodu tas-sena ta' qabel żidna kemm flaħna r-ritmu tax-xogħol, insusu wara l-kuntratturi dwar żmien u kwalità. Tlesta kważi kollox fil-ħin. L-aħħar oġġetti li waslu minn barra kienu l-vetrini u l-apparat elettroniku. Dwar dan ta' l-aħħar, bi ħsiebni nidħol fid-dettall darb'oħra.

Il-vetrini, tassew speċjalizzati, inġabu mis-Slovenja, u ġew magħhom żewġ tekniċi: għamlu ftit jiem mhux ħażin biex jarmawhom u juruna kif nużawhom. Kienu jagħmlu sigħat twal, u dehru ferm marbutin ma' sengħethom. Ikolli ngħid li dawn il-vetrini huma tassew ta' kwalità u jolqtu l-għajn, saħansitra battala! Tant hekk, li ddeċidejna li nżidu magħhom malli jippermettu l-finanzi.

Iżda ovvjament l-iktar element li impressjona – u li kkummentaw dwaru – hi l-kolonna ċentrali li tgħaqqad is-sulari, mibnija minn filati ta' ġebel differenti (inkluż irħam importat) li jissimbolizzaw id-diversi perjodi ta' l-istorja ta' gżiritna, bl-influwenzi tal-ħakkiema u l-mexxejja. Hemm enfasi fuq l-aspett reliġjuż: il-*leitmotiv* ta' dan iċ-ċentru kulturali tagħna nistgħu ngħidu li hu appuntu li l-identità tagħna ma tistax tinfired mill-fidi ta' niesna. Imbagħad is-"sinsla" hi mżewqa b'mużajċi, disinni u esibiti oħra li jdaħħlu sew fl-ispirtu lill-viżitatur, anki jekk sajjem għal kollox minn informazzjoni dwarna. Biċċa xogħol li rrikjediet impenn sħiħ, anki waħedha!

Issa li ftaħna, m'iniex se nkompli nirreferi għall-intoppi li ffaċċjajna; ħlief li nesprimi ringrazzjament għan-numru wiesa' ta' dawk li taw sehemhom – anki lil hemm minn dmirhom strett – biex intgħelbu d-diffikultajiet.

U allura żgur ma nistax inħalli barra lill-Isqof. Sa minn meta bdejna din l-"avventura", wera interess qatigħ (u hekk ma għamilx għajb lill-predeċessur tiegħu!); mhux darba u tnejn tani ħinijiet twal, u sibna kif inkomplu 'l quddiem, minkejja ostakli. Wara li żarna meta konna għadna pjuttost lura, wera x-xewqa li jara fiex wasalna, u fil-15 ta' Frar dawwarnieh dawra sew. Konna grupp mhux ħażin, mill-Parroċċa u mill-Fondazzjoni. U ħasadna b'mod sabiħ fi tmiemha. Wara diskors li fih enfasizza lill-ħaddiema preżenti l-importanza li japprezzaw dak li taw sehemhom għalih, għamlilna għotja ta' żewġ dokumenti biex jiżdiedu ma' l-esibiti f'dan il-mużew. L-ewwel "karta" kienet folja b'noti miktuba b'idu stess mill-Isqof Cauchi għad-diskors waqt Akkademja fiċ-Ċentinarju ta' l-1984; l-oħra ittra ta' ringrazzjament li bagħatlu l-Papa Beneditti wara ż-żjara fostna fl-2010. U magħhom żewġ ittri ta' Mons. Grech stess, bi kliem ta' tifħir li ħammarli wiċċi!

Kif tafu dawk li żortuna, dawn lanqas huma l-ewwel u l-aħħar esibiti b'konnessjonijiet ġerarkiċi, anzi Pontifiċji.

U kienu fost l-"iskużi" biex diversi gazzetti kellhom fuqna: bl-Ingliż u l-Malti, tal-Ħadd u ta' kuljum. Ingħatat prominenza anki ż-żjara ta' Dr Chris Said, dak in-nhar Ministru responsabbli anki mill-Konsultazzjoni, biex wasslilna parti oħra mis-somma mwiegħda lilna fl-iskema ta' ko-finanzjament għall-għaqdiet volontarji. U din kienet biss żjara minn bosta li kieku jixirqilhom jitfakkru.

Sfortunatament għadna ma organizzajniex ruħna biżżejjed biex nużaw il-medja b'mod iktar effiċjenti u kif jixraq. Fil-fatt għadna ftit lura fi propaganda u riklami, u qed niddependu l-iktar fuq il-forza tal-kelma: l-impressjoni pożittiva li jieħdu dawk li jżuruna. Iżda kellna edizzjoni sħiħa ta' *Għawdex Illum* (fuq TVM u TVM2), produzzjoni milquta u mirquma tas-*Citadel Video Communications*.

L-okkażjoni ta' l-Inawgurazzjoni mill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi fi Frar serviet ta' kuntest għall-kxif ta' żewġ irħamiet. Bil-kollaborazzjoni sħiħa tal-Kunsill Lokali, ibda mis-Sindku Dr Samuel Azzopardi, fakkarna lil De Soldanis, li nista' nsejjaħlu l-ewwel storiku ta' Għawdex; u għandna esibita l-famuża urna "tiegħu". L-oħra tirreferi għall-kunċert – storiku, għax ta' tmiem il-pontifikat – tal-*Cappella Sistina*. Il-*Maltapost* ħarġulna timbru u bolla personalizzata u ppreparajna kartolini kommemorattivi.

Bdejna b'*Open Week* bi dħul bla ħlas – mod denn kif ngħidu grazzi lill-komunità tas-sapport. Sintendi l-membri tal-FBV għandhom il-jedd li jidħlu kull meta jridu! Għall-oħrajn, il-biljett normali hu €5, waqt li familja tħallas €10; hemm ukoll dak imraħħas u tal-gruppi. Kienu mħalltin ħafna dawk li diġà żaruna, minn kull kategorija; minn tal-bidu kienu tliet gruppi organizzati mill-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti, total ta' mija u ħamsin persuna!

Wara ftit esperimentazzjoni u fuq rakkomandazzjonijiet li rċevejna, bdejna niftħu sitt ijiem fil-Ġimgħa: mit-Tlieta sal-Ħadd, mill-11am sas-7pm. Dan hu possibbli biss peress li għandna tliet skrivana taċ-Ċivil li ġew "mislufa"

Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

skond ftehim iffirmat mal-PAHRO f'isem il-Gvern. Evidentement jibqgħu essenzjali l-voluntiera, speċjalment f'okkażjonijiet partikulari. Insemmi fuq fuq Ċena għall-Ġimgħa Mqaddsa, konferenza ta' Dr Paul George Pisani ma' *Wirt Għawdex*, wirjiet temporanji u saħansitra ktieb ġdid!

Mela nagħlaq billi nerġa' nistedinkom tagħmlu parti minn dan il-proġett kbir: sħubija (€150 darba, jew biċċa biċċa) u għajnuna finanzjarja oħra; parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' *fundraising*, bħall-pranzu kbir ta' l-Għid fis-7 ta' April; offerti ta' ħin u suġġerimenti; donazzjonijiet jew self (anki permanenti) ta' oġġetti.

**Ara paġni 13 sa 28 għal rapport aktar dettaljat tal-ġrajjiet ta' l-inawgurazzjoni ta' *Il-Ħaġar – Heart of Gozo.***




## L-Aħħar Tislima lil Grace Micallef

Il-Ġimgħa 8 ta' Frar 2013 | Jum il-Funeral
Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria, Għawdex
George Francis Vella

Għażiż Nazju, għażiż Noel, għażiż Donald, għeżież qraba u ħbieb, ħuti fi Kristu Rxoxt,

Ippermettuli nieħu din l-okkażjoni sabiex, f'isem il-kollaboraturi kollha fi ħdan il-parroċċa tagħna ta' San Ġorġ, insellem bix-xieraq lil seħbitna Gracie, li kienet għalina waħda minn ta' ġewwa nett, u li tibqa' għalina lkoll mudell ħaj ta' mħabba Kristjana u karizma Ġorġjana.

Lejn tmiem il-Ktieb tal-Proverbji tat-Testment il-Qadim is-sultan Salamun bħal donnu jidħol f'qoxortu, u jsaqsi bejnu u bejn ruħu: "Mara ta' ħila min isibha?" (31:10a). Li kieku Salamun kellu x-xorti jkun magħna l-lum f'dan it-tempju ta' Alla l-Imbierek, kien jaħsibha darbtejn jerġax jagħmel l-istess mistoqsija, għax kien isib lilna nweġbuh fil-pront u ngħidulu: "Sibnieha aħna l-mara ta' ħila. Hawn hi!".

Iva, l-għażiża tagħna Gracie kienet tabilħaqq mara ta' ħila; u dan għax kienet tiswa ħafna iktar mill-ġawhar kollha tad-dinja. Fuqha kienu jistrieħu żewġha u wliedha, u dan swielhom ta' ġid bla tarf. Ġabitilhom riżq tajjeb, u mhux ħażin, il-jiem kollha ta' ħajjitha.

Imbagħad, għall-maħbub tagħha u tagħna, San Ġorġ, x'ma kenitx lesta li tagħmel? Kienet tħażżem ġenbejha bil-qawwa u tirfed dirgħajha għax-xogħol, anke jekk dan seta' swielha qares għal saħħitha. "Basta għal San Ġorġ!", kienet tħobb tistqarr magħna kollha mkabbra. Nistħajjilha li lanqas bil-lejl ma kienet titfi l-musbieħ ta' mħabbitha lejh.



Grace Micallef (it-tielet mil-lemin) flimkien ma' Nancy Attard, mart ħuha Achilles (it-tieni mix-xellug) u voluntiera oħra li jgħinu fil-Bażilika: (mix-xellug) George Francis Vella, Andrew Formosa, Lonza Schembri u Ġina Farrugia.

Għalhekk, il-lum l-għażiża Gracie tagħna tinsab liebsa d-dawl u tfuħ bil-fe ħrija, tħares daħkana lejn bieb is-Sema fejn qed jistennieha fuq ix-xwiek l-għarus tagħha, il-mimmi t'għajnejha, in-nobbli Ġorġi tagħna.

U bir-raġun aħna nqumu, u ħienja nsejħulha u ngħidulha: "Ħafna nisa wrew ħila kbira, imma inti, [sbejħa tagħna], għaddejthom kollha" (Prov 31:29).

### Lil Gracie… ħabiba, oħt u omm

*'Maħbuba tiegħi, qum, ejja sabiħa tiegħi!'*
(Għan 2:10)

Il-qaddisin u l-anġli ġewwa s-Sema
festa qed jagħmlu… u kbira f'dan il-jum,
għax laqgħu f'nofshom bint u oħt għażiża
li Alla sejjaħ biex fi ħdanu tkun.

Ommna tas-Sema, li fuq oħtna Gracie
xerridt tant grazzji, għax b'ismek mogħnija,
ilqagħha għandek, 'tiha l-aħħar Grazzja:
taf li din bintek ġa ratha t-tisfija.

U inti, Ġorġi, Prinċep ta' mħabbitha,
illi ta' Gracie kont l-għaxqa u l-ferħ,
kif tista' ċċaħħad lil din oħtna twajba
mill-premju hieni f'dak l-imkien ta' serħ!

Ħuti, nistabru b'dan il-ħsieb wisq għoli
li l-fidi f'Alla tnissel ġo kull qalb:
Grace l-lum rifset l-għatba tat-tgawdija;
magħha nissieħbu, mġburin fit-talb.

Nibku, għax tlifna ġawhra wisq prezzjuża,
Stilla ta' vera, fwieħa ta' bżulija,
imma fis-Saltna rbaħna oħt qaddisa,
minn hemm ħarsitha tibqa' tarmi d-dija…

Francesco Pio Attard
6 ta' Frar 2013

## Qaddisin "Ġorġjani" 39

RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA
U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU



*Antoine Vassallo*
vasanti@go.net.mt

# Il-Beatu Pier Giorgio Frassati

(tifkira liturġika fl-4 ta' Lulju)



Pier Giorgio Frassati twieled fil-belt ta' Turin fis-6 ta' April 1901; kien Sibt il-Għid. Kienet familja tat-tajjeb: missieru Alfredo kien senatur u anki ambaxxatur, u propjetarju tal-gazzetta *La Stampa*. Iżda kien anjostiku u kellha tkun martu Adelaide, pittriċi, li ħadet ħsieb il-formazzjoni reliġjuża ta' Pier Giorgio. Dan żgur sofra min-nuqqas ta' ħeġġa spiritwali fil-familja u minn ċertu nkwiet bejn il-ġenituri. Fl-1918 iddeċieda li jibda l-kors ta' l-inġinerija minerarja biex "inkun nista' ngħin lill-ħaddiema fil-minjieri li tant qegħdin f'kundizzjoni ħażina"

Kien miġbud wisq lejn il-muntanji; anzi fl-1924 waqqaf għaqda ma' sħabu biex jorganizzaw ġiti. Lil wieħed mill-aqwa ħbieb tiegħu, Marco Beltramo, kitiblu: "Kemm nixtieq nista' ngħaddi jiem sħaħ fl-għoli nikkontempla f'dik l-arja pura l-kobor tal-Ħallieq!". U kompliełu: "Il-ħbiberiji tagħna jibqgħu sħaħ għal dejjem għax mibnija fuq iż-żonqor tal-fidi". U lil ħabib ieħor: "Nixtieq li nagħmlu patt bla limiti ġeografiċi jew ta' żmien – għaqda fit-talb!". Ir-ritratti juruh jitbissem; min kien jafu jiftakru mfawwar bil-ferħ... u b'Ġesù! Barra Quddiesa – anki jgħinha – u tqarbina kuljum, b'ħin twil ta' ringrazzjament, kellu drawwa li jżur lil Ġesù Sagrament fl-għaxija u bil-lejl. Kien ifittex ħin ukoll għall-qari spiritwali; x'aktarx li l-awturi preferiti tiegħu kienu Sant Wistin, Santa Katarina ta' Siena u San Tumas ta' Aquino.

Minħabba l-fidi qawwija tiegħu, waqt li kien l-università kien attiv f'diversi organizzazzjonijiet Kattoliċi. Kien iħeġġeġ għall-irtiri u għar-Rużarju, li kien jitolbu tliet darbiet kuljum! Bħala terzjarju Dumnikan, ħa bħala Patrun lir-riformatur Girolamo Savonarola, għax kien jisħaq dwar il-bżonn ta' riforma tas-soċjetà; anki ħadem fil-*Partito Popolare* ta' Don Luigi Sturzo. Kellu sehem fit-twaqqif ta' gazzetta Kattolika ta' kuljum fuq il-prinċipji tar-*Rerum Novarum*. Fl-14 ta' Mejju 1922 daħal fiċ-ċirklu *Milites Mariæ* (Suldati ta' Marija) tas-*Società della Gioventù Cattolica* fil-parroċċa. Kien ħabrieki ferm fil-qasam tal-karità: qassam flus u oġġetti lil ma nafux kemm familji u persuni foqra. Miet ħesrem fl-4 ta' Lulju 1925 bil-poljo, infezzjoni li probabbilment ħakmitu minn dawn iż-żjajjar fi djar marradin. Ftit xhur qabel lil oħtu kien kitbilha: "Kif nista' ma nkunx ferħan? Sakemm il-fidi tkompli tagħtini l-qawwa! Kull Kattolku għandu jkun ferħan: id-dwejjaq m'hemmx postu għalina! It-tbatija m'hix id-dwejjaq, li hi l-agħar marda".

Fil-funeral ħadet sehem, barra ħbiebu u personalitajiet pubbliċi, folla enormi ta' nies komuni, l-iktar foqra u batuti. B'hekk il-familja tiegħu apprezzat min verament kien Pier Giorgio! Oħtu Luciana, kittieba li żżewġet diplomatiku Pollakk u li ħadmet bis-sħiħ kontra l-Faxxiżmu u n-Nażiżmu, tatna l-ewwel bijografija ta' ħuha, u kompliet iktar. U ma tħallix barra l-imħabba tiegħu għal kull aspett tas-sbuħija: l-opri u l-mużewijiet, il-mużika u l-arti; tgħallem bl-amment partijiet twal mid-*Divina Commedia*, anzi kiteb mal-bieb ta' kamartu biċċa minnha: talba lill-Madonna.

Waqt l-Omelija fil-Quddiesa li matulha – b'konklużjoni tal-proċess li beda fl-1932 – Pier Giorgio ġie ddikjarat Beatu fl-20 ta' Mejju 1990, il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-istess ġimgħa qabel żarna, saħaq dwar "l-oriġinalità tal-virtà ta' dan iż-żagħżugħ modern mimli ħajja": ninġibdu biex nimitawh għax fih naraw il-fidi magħġuna mal-ġrajjiet ta' kuljum. Ir-rabta mal-Vanġelu wasslet għal imħabba dejjem tikber għall-foqra u kull min fil-bżonn. "La l-ġibda għas-sabiħ u għall-arti, għall-isport u għall-muntanji; lanqas l-attenzjoni għall-problemi tas-soċjetà ma żammewh lura minn relazzjoni kontinwa mal-Mulej". Il-Papa ddeskriva l-ġurnata tiegħu bħala "mgħaddsa fil-misteru divin u medhija f'servizz kontinwu għall-oħrajn". Il-vokazzjoni ta' Nisrani twettqet f'bosta impenji fl-għaqdiet u fil-politika, f'soċjetà indifferenti – jekk mhux ukoll ostili – għall-Knisja. Kien b'dan l-ispirtu li rnexxielu jagħti spinta 'l quddiem kull fejn ħadem b'tant ħeġġa; iżda l-iktar fl-Azzjoni Kattolika, fejn sab l-ambjent ideali għall-formazzjoni Nisranija u allura għall-impenn fl-appostolat. Għex b'ferħ u b'sodisfazzjon il-vokazzjoni Nisranija; irsista biex iħobb 'il Ġesù u biex jilmħu f'min iltaqa' miegħu u f'dawk li mar ifittixhom fit-tbatija, fl-emarġinazzjoni u fl-abbandun biex iwasslilhom is-sħana tas-solidarjetà u l-mistrieħ sopranaturali tal-fidi.

Eżatt għoxrin sena wara, anki Benedittu XVI ħass li għandu jfakkru liż-żgħażagħ konċittadini waqt żjara għall-ostensjoni tal-Liżar. Semmielhom li l-eżistenza tiegħu kienet imkebba fil-grazzja u l-imħabba ta' Alla u kkunsmata bil-ferħ f'servizz imħeġġeġ għal Kristu u għall-oħrajn; għex bl-ikbar impenn il-formazzjoni Nisranija li rċieva u ta xhieda sempliċi u effettiva tal-fidi; maqbud mis-sbuħija tal-Vanġelu tal-Beatitudnijiet, kellu esperjenza ta' l-hena li tkun ħabib ta' Ġesù, li timxi warajh, li tħossok membru ħaj fil-Knisja. Waqt li kkwota espressjoni li kien iħobb jirrepeti l-Beatu tagħna, "ngħixu verament u mhux neżistu biss", stedinhom jiskopru li jaqbel tirsisti għal Alla u miegħu, twieġeb għas-sejħa tiegħu fl-għażliet fundamentali u f'dawk ta' kuljum, anki meta ma jkunx ħafif.

Il-Kardinal Stanislaw Rylko, meta kien għadu segretarju tal-Kunsill Pontifiċju tal-Lajċi, saħaq li l-qdusija ta' dan iż-żagħżugħ għandhom jeħduha bħala eżempju l-lajċi, għax għexha fil-ħajja "normali" ta' kuljum. Kien jagħti importanza lil kull aspett, anki li forsi jidher insinifikanti; kien esiġenti ferm miegħu nnifsu, dejjem jimmira 'l fuq. Fehem fil-prattika li l-għaqdiet u l-ħbieb għandhom iservuna biex nimmaturaw bħala Nsara u bħala bnedmin. U kkwota frażi minn waħda mill-bosta ittri li kiteb: "Kuljum nifhem iktar il-grazzja li tkun Kattoliku!". U żied dan il-prelat: "X'rigal jibqa' għall-Knisja!".

Peress li Pier Giorgio kien intgħażel bħala wieħed mill-Patruni tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li sar fl-2008 fl-Awstralja, ir-relikwi tiegħu twasslu Sydney. Waqt Quddiesa f'jum it-tifkira liturġika, l-Isqof Anthony Fisher enfasizza l-mixja mgħaġġla fil-Fidi, it-Tama u l-Imħabba ta' "dan iż-żagħżugħ immexxi mill-imħabba għal Alla, għall-ħajja u għall-foqra". U fakkar li l-Beatu Ġwanni Pawlu II, fost tant okkażjonijiet li tkellem dwaru u offrieħ bħala mudell, kien sejjaħlu "il-bniedem tas-seklu tagħna, il-bniedem modern, il-bniedem, il-bniedem tal-Beatitudni".

U anki f'San Ġorġ – fil-Bażilika u fil-pjazza – ġie li fakkarna lil dan il-"qaddis Ġorġjan"!

# Il-Moviment Missjunarju "Ġesù fil-Proxxmu" jagħlaq 25 sena

*Imwaqqaf minn saċerdot Ġorġjan*

F'Diċembru li għadda tfakkar kwart ta' seklu minn meta rat id-dawl waħda mill-aktar opri missjunarji sbieħ li għandna f'pajjiżna. Il-Moviment Missjunarju *Ġesù fil-Proxxmu* twaqqaf minn Mons. George Grima, saċerdot mill-parroċċa ta' San Ġorġ, fit-3 ta' Diċembru 1987, bl-approvazzjoni uffiċjali ta' Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, tasal fit-30 ta' Ottubru 1992. L-għan tiegħu sa mit-twaqqif kien li jgħin b'kull mod lil tant tfal foqra u orfni li jgħixu fit-toroq tal-Brażil, l-Etjopja u l-Kenja.

Dun Ġorġ Grima hu isem u wiċċ sinonimu mal-missjoni fil-kontinenti ta' l-Afrika u l-Amerika Latina. Spiss narawh fuq il-medja lokali, mhux biex jidher hu, imma determinat li jiġbor iżjed fondi b'riżq l-opri missjunarji tiegħu. Ħajtu aktar jgħaddiha f'dawn l-artijiet tal-missjoni milli f'Malta, jiġri minn post għall-ieħor biex iwassal qalb il-foqra u l-morda l-imħabba ta' Ġesù, it-Tabib tar-ruħ u tal-ġisem.

Grazzi għall-qalb ġeneruża tal-poplu Malti, il-Moviment jista' jkompli għaddej bil-ħidma tiegħu. Jgħin l-iżjed lil tfal taħt it-tnax-il sena. Bħalissa għandu 33 dar fil-Brażil, 133 fl-Etjopja, u 34 fil-Kenja. Dawn huma djar għal tfal infettati bl-*HIV*, oħrajn torox jew muti, lebbrużi, jew b'xi diżabbiltà fiżika jew mentali. Dun Ġorġ u l-voluntiera tiegħu jwasslu ta' kuljum ikel, mediċina u edukazzjoni, imma jgħinu wkoll lill-foqra biex isostnu lilhom infushom permezz ta' proġetti ġodda soċjali.

F'intervista riċenti ma' Dun Ġorġ, hu qal li ilu 35 saċerdot u sal-lum għadu jiċċelebra kull ġurnata bħala rigal minn għand Alla. Dun Ġorġ, li trabba f'familja kbira li sal-lum għad għandha d-dar tagħha fi Triq Karità, ftit passi biss bogħod mill-Bażilika ta' San Ġorġ, jgħidilna li hu ħass is-sejħa għal missjunarju sa mill-età ċkejkna ta' seba' snin. Kien għadu daqsxejn ta' abbati San Ġorġ, u jiftakar kif kien jitlob lil Ġesù biex, jekk hi r-rieda tiegħu, imur jaħdem f'art ta' missjoni.

Meta sar saċerdot, hu talab lill-Isqof Cauchi jibagħtu f'xi pajjiż tat-tielet dinja. Fil-fatt Dun Ġorġ qatta' l-ewwel sena tas-saċerdozju tiegħu fil-Brażil. Hu jistqarr li mar il-missjoni biex "ikun rigal għall-oħrajn u jsir għalihom don tal-fidi". Issa ilu dawn is-snin kollha jaħdem fil-missjoni, u dak li jħeġġu jibqa' f'din il-ħidma huma t-tbatija kbira li jara madwaru f'pajjiżi fejn hu tant qawwi l-kuntrast bejn l-għonja u l-foqra, u tant tfal żgħar li ta' kuljum jara jmutu bil-ġuħ. Hu jmur biex iwasslilhom tbissima ta' faraġ, ġest ta' tama, għemil ta' mħabba.

Il-fqir għandu bżonn min jitimgħu. Quddiem kull sitwazzjoni ta' faqar, in-Nisrani hu mistieden minn Alla biex iħobbu u jaqdih bl-imħabba u l-ferħ, għax fil-proxxmu hemm il-wiċċ ta' Ġesù nnifsu, bla ebda distinzjoni ta' razza, kulur jew simpatija. Din hi l-motivazzjoni wara l-isem *Ġesù fil-Proxxmu*. Ħafna nies mhux biss jeħtieġu xi ħaġa, imma jeħtieġu kollox. Bejnu u bejn ruħu Dun Ġorġ jgħid: "Il-foqra ma jistgħux jistennew!". U allura, anki jekk meta jkun Għawdex, Dun Ġorġ jagħti daqqa t'id ukoll fil-parroċċa bil-Quddies u l-predikazzjoni tiegħu, ħsiebu u qalbu donnhom huma dejjem band'oħra... fit-tfal u d-djar tiegħu fil-missjoni, fejn dalwaqt jerġa' jmur!

"Ma rridx min jgħir għalija", jispiċċa fl-aħħar Dun Ġorġ, "imma min jieħu l-eżempju u jaqsam huwa wkoll il-ġid tiegħu ma' ħutu, biex jistgħu jħossu l-ferħ f'qalbhom".

L-għajnuna lill-Moviment mhux bil-fors trid tkun fi flus. Hemm min jagħti mill-ħin tiegħu u joffri ruħu bħala voluntier, biex ma' Dun Ġorġ u t-tim tiegħu jżur xi wieħed mill-pajjiżi tal-missjoni, u hekk joffri l-enerġija tiegħu, jagħti l-istess qalbu... Hekk għamlu Mark Cremona u Kevin Grech, żewġ żgħażagħ mimlijin entużjażmu mill-parroċċa tagħna, li bejn it-12 ta' Frar u s-7 ta' Marzu li għadda marru l-Etjopja ma' Dun Ġorġ. Araw x'esperjenzi sbieħ qasmu magħna:







**Ritratti**

1 Mons. Grima ma' Madre Tereża ta' Calcutta fl-Indja.
2 L-ewwel dar li ben a l-Movement fil-Brazil.
3 "Abba Ġorġ" f'Bonga, l-Etjopja
4, 5 Kevin u Mark fl-esperjenza missjunarja fl-Etjopja. Kif tistgħu taraw, hemm ukoll ħadu magħhom fl San Ġorġ, qaddis meqjum ħafna f'dan il-pajjiż Afrikan!


4

“ Kienet esperjenza li veru tibdillek ħajtek! Tintebaħ kemm aħna ngergru u m'għandniex għalfejn! Dejjem kont ngħid li dak li tagħmel miegħek innifsek imut miegħek, imma dak li tagħmel ma' ħaddieħor jibqa' għal dejjem! Hija xi ħaġa kbira wkoll li tara l-mirakli jseħħu quddiemek: konna naħsbu li għandna panini għal erba' mija u konna nitimgħu elf! Dawn m'humiex panini kif naħsbu aħna – ikun hemm kamra żgħira fejn wieħed jagħmel il-panini b'farka dqiq. Tbati anki l-ġuħ, imma ma tantx tagħti kas, għax dak li jkun qed jiġri madwarek huwa faqar kbir.

Rajna nies lebbrużi u ħafna tip ta' mard ieħor. Imma huma nies li l-ftit li jkollhom jagħtuhulek. Konna nivvjaġġaw kull jumejn, inqumu fil-5.00am u ninġabru għas-7.00pm. Tara tfal ġejjin minn kullimkien jifirħu bik, veru anġli, għax dawn in-nies huma għall-Ġenna żgur! M'hemmx isbaħ milli tgħin!

Wara li tiġi lura minn din l-esperjenza, tibda tara dawk li jien insejħilhom *flashbacks*. Ngħidu aħna, jiena jekk jirfsuli ż-żarbun, niddejjaq, jew bilkemm ma jeħilx xi ħadd miegħi; imma mbagħad dlonk tiftakar kemm rajt nies bla żarbun u saħansitra d-dud jikolhom. Ħadd ma għażel hu fejn jitwieled – trid tkun xortik ħażina li twelidt hemm, għax dawn ma jistgħux imissu l-qiegħ iktar milli qed imissu.

Tibda tinduna kemm Ġesù qal sew meta qal li "dak li tagħmlu ma' l-inqas fost dawn ħuti, tkunu qed tagħmluh miegħi"! Għax fl-aħħar mill-aħħar aħna m'aħniex għal hawn. Meta twelidt jien bkejt u d-dinja daħket; mela aħjar ngħix sew kemm jista' jkun ħalli fl-aħħar ta' ħajti d-dinja tibki u jien nidħak! ”

***Mark Cremona***



5

“ Għalkemm qabel ma morna l-Etjopja kellna diversi laqgħat ta' preparamenti ma' Dun Ġorġ Grima, fil-verità l-ebda kliem, ritratt jew dokumentarju ma jista' jippreparak għal dak li tkun ser tgħix matul iż-żmien li tqatta' mal-foqra.

Huma l-affarijiet iż-żgħar li jaqsmulek qalbek. Aħna u deħlin minn ġo triq imħarbta ġo l-għelieqi biex inżuru komunità ta' nies li joqogħdu ħafna 'l bogħod miċ-ċivilizzazzjoni, mill-bogħod bdejna nisimgħu l-kant tat-tfal, li kienu jafu li sejrin inżuruhom minn ħin għall-ieħor, u għalhekk inġabru fid-daħla tal-villaġġ tagħhom ikantaw bl-Ingliż: *"Welcome, welcome, how are you?..."*. Ma ninsa qatt il-ħarsa ta' ferħ x'ħin ġew jilqgħuna bil-fjuri, għax jafu li Dun Ġorġ qed jipprova jgħinhom joħorġu mill-faqar esaġerat li jgħixu fih. Il-ferħ sfrenat tat-tfal x'ħin bdejna nqassmu ftit ħelu u blalen li ħadna magħna minn Malta kien xi ħaġa li ma tinsa qatt.

Kellna laqgħa mal-kapijiet tat-tribù, u x'ħin bdew jispjegaw il-problemi li qegħdin jaffaċċjaw kull ġurnata, jien u Mark infqajna nibku b'dak li konna qed naraw u nisimgħu. Kienu qed jgħidulna li għalkemm ilhom żmien twil iħaffru *bore-hole* bit-tama li jsibu l-ilma nadif għax-xorb, dan kien kollu għalxejn, u għalhekk in-nisa u t-tfal ta' dan ir-raħal ta' kuljum kmieni fil-għodu kienu jitilqu bil-mixi bil-bramel fuq rashom bit-tama illi jġibu ftit ilma "nadif" ħalli ħuthom u wliedhom ikollhom x'jixorbu. Ħafna drabi dawn in-nisa u tfal ma jerġgħux lura mill-mixja lejn ix-xmara, min għax tkun għelbitu d-*dehydration* u min ikun saħansitra nqabad minn xi kukkudrill x'ħin ikun jimla l-ilma mix-xmara!

Hemmhekk irrealizzajna kemm hi kbira din il-ferita u kemm aħna mħajma f'pajjiżna. Tiġi konxju ta' kemm int xortik tajba u ta' kemm għandek għax tirringrazzja lil Alla għas-sempliċi raġuni li għandek saqaf fuq rasek u aċċess għal ilma nadif kuljum! Dawn in-nies lanqas saqaf fuq rashom m'għandhom! Matul il-ġurnata jfittxu xi ħaġa x'jieklu jew x'jixorbu u bil-lejl għieda kontinwa ma' l-annimali feroċi li kemm-il darba jattakkaw il-villaġġ tagħhom!

Din kienet biss waħda mill-ħafna esperjenzi li biddlulna ħajjitna. Dak li għexna fix-xahar li qattajna l-Etjopja jibqa' mnaqqax ġo qalbna għal dejjem. Għamilna wegħda magħna nfusna illi nibqgħu naħdmu ħalli ngħinu kemm nistgħu lil dawn in-nies minsija. Kemm ilna li rġajna lura Malta, dejjem norganizzaw attivitajiet biex niġbru fondi għall-missjoni. Kburi ħafna illi bl-għajnuna ta' sħabna u l-qlub tajba Maltin u Għawdxin, għadna kemm bgħatna s-somma ta' €3,000 biex tkompli tinbena l-*bore-hole* f'dan ir-raħal li semmejt, li jismu Pinkjo u jinsab fil-provinċja ta' Gambella. Grazzi għal kull min għenna, minn issa 'l quddiem dawn in-nies ser ikollhom ilma nadif x'jixorbu, u t-tfal ikunu jistgħu jiffukaw fuq l-edukazzjoni tagħhom, minflok ma joqogħdu jiġru jittallbu għall-ilma!

Fit-23 ta' Awwissu li ġej, fir-*Ramla Fields* (il-parti tal-parkeġġ), ser norganizzaw festin sabiħ għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-familji. Ser ikollna talenti lokali u Maltin ipaxxuna bil-mużika *live*, u ħafna attivitajiet oħra, anki għall-familji u t-tfal! Iktar dettalji 'l quddiem fuq *Facebook*. Grazzi ta' l-għajnuna. Il-Bambin magħkom! ”

***Kevin Grech***

**Int ukoll tista' tgħin lill-Moviment Missjunarju *Ġesù fil-Proxxmu*... Żur l-uffiċċju tiegħu fi Triq id-Dejqa, il-Belt Victoria (tel: 21556453), jew idħol fuq www.gesufilproxxmu.com.**

# HABEMUS PAPAM... GEORGIUM MARIUM BERGOGLIO... FRANCISCUM!

## *Insellmu lil Benedittu XVI u nilqgħu lil Franġisku*

Francesco Pio Attard



L-aħbar waslet bħal sajjetta fil-bnazzi! Kien it-Tnejn 11 ta' Frar, tifkira ta' l-ewwel dehra tal-Verġni Mbierka f'Lourdes. Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI kien miġbur mas-Sinjuri Kardinali fis-Sala tal-Konċistorju, f'laqgħa li fiha kellu jħabbar id-data tal-kanonizzazzjoni ta' tliet martri Kattoliċi. Il-porporati ftit li xejn ħasbu li qalb dawk il-ftit linji bil-Latin li kien qed jaqra kien hemm moħbija bxara li kellha taħsad lid-dinja kollha, u mhux biss dik Kattolika! Il-Papa Ġermaniż kien għadu kemm ħabbar li fit-28 ta' Frar 2013 kien se jabdika mill-Ministeru Petrin, jiġifieri dak ta' Suċċessur ta' Pietru, Isqof ta' Ruma, Kap tal-Knisja Kattolika. Ir-raġunijiet li ta għal din id-deċiżjoni kuraġġjuża, li ġibdet fuqu l-ammirazzjoni ta' ħafna, kienu prinċipalment dawk ta' saħħtu li kienet dejjem sejra lura minħabba l-età. Benedittu ħass li ma setax ikompli jagħti l-aqwa ta' l-enerġija tiegħu lill-Knisja, u bl-umiltà u l-qdusija kollha rrikonoxxa li kien jixraq li xi ħadd iżjed b'saħħtu jieħu postu fit-tmun tal-Knisja. Hu wiegħed li sa jkompli jaqdi lill-Knisja permezz ta' ħajja mogħtija għat-talb.

Il-Parroċċa ta' San Ġorġ segwiet mill-qrib dawn il-ġrajjiet u dlonk issieħbet mal-Knisja Universali f'talb għall-Papa. Fil-jiem li segwew, bagħtitlu messaġġi ta' sapport u mħabba, kif jagħmlu l-ulied ma' missierhom li jħobbu. Żgur li l-Papa seta' jħoss il-komunità parrokkjali tagħna qrib tiegħu, fil-preżenza prudenti imma kostanti ta' Mons. Alfred Xuereb, it-tieni segretarju tiegħu. U f'dawn il-mumenti intensi, aħna wkoll ħassejnieh qrib ħafna tagħna lil dan ir-ragħaj u mgħallem kbir. Wieħed minn dawn kien il-kunċert *Super Fundamentum Apostolorum* tas-Sibt 23 ta' Frar fil-għaxija, meta l-Kor Pontifiċju *Cappella Sistina*, il-Kor tal-Papa, ta l-aħħar wirja pubblika tiegħu matul il-pontifikat ta' Benedittu XVI propju fil-Bażilika tagħna. Ġrajja storika u unika, imfakkra f'lapida fuq il-ħitan tal-Bażilika faċċata tal-Mużew il-ġdid, li fiha ħassejna ruħna magħqudin b'mod partikulari ħafna mal-Qdusija Tiegħu. Il-kunċert, taħt id-direzzjoni ta' Mons. Massimo Palombella SDB, iżjed tard ixxandar fuq ir-Radju tal-Vatikan.

Il-Bażilika Ġorġjana sa mill-1968 hi aggregata ma' l-Arċibażilika ta' San Ġwann Lateran, il-Katidral tal-Papa f'Ruma. U allura ma stajniex ma nħossuniex iżjed u iżjed qrib ta' dawn il-ġrajjiet. Fit-28 ta' Frar, l-aħħar jum tal-Pontifikat ta' Benedittu XVI, tqiegħed ritratt tiegħu fuq il-presbiterju. Dan il-Papa kbir, fil-veru sens tal-kelma ġgant tat-Teoloġija, li lilna l-Maltin ġie jżurna fl-2010, tana ħafna fit-tmien snin jew kważi li fihom dam irieġi l-Knisja: l-aħħar rigal kbir kien din is-Sena tal-Fidi! Fil-jiem ta' wara r-riżenja tiegħu, taħt Sede Vakanti, inġmajna fit-talb għalih, għall-Knisja, u b'mod speċjali għall-Kardinali miġbura fil-Konklavi u msejħa mill-Ispirtu s-Santu biex jeleġġu Papa ġdid. Il-Quddies kollu fil-Bażilika fil-bidu ta' Marzu kien *"pro eligendo Summo Pontifice"*, għall-għażla ta' Papa ġdid.

U wara biss jumejn ta' Konklavi bejn l-erba' ħitan tal-Kappella Sistina, il-Vigarju ġdid ta' Kristu, is-266 wieħed għall-eżattezza, tfaċċa fil-Gallarija ta' fuq il-Portiku ta' San Pietru għall-ewwel Barka *Urbi et Orbi* nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu, fit-8.22pm. *"Habemus Papam"*, dwew il-kelmiet mal-kolonnat tal-Bernini, u ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. Għandna Papa ġdid, ħabbru fost l-ewwel f'Għawdex il-qniepen Ġorġjani, waqt li fil-Bażilika kienet għadha għaddejja l-aħħar Quddiesa tal-ġurnata. L-adolexxenti li kienu laħqu nġabru għall-Eżerċizzi tar-Randan mill-ewwel fehmu li din ma kinitx ħa tkun priedka bħal tal-jiem l-oħra. Minflok, fuq liżar kbir fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, segwew dirett il-ġrajja storika, mill-bidu sa l-aħħar... din Priedka tar-Randan li ħa jibqgħu jiftakruha!

Imbagħad is-sorpriża doppja ta' l-isem. Il-Kardinal Ġiżwita Arġentin li ntgħażel mill-Konklavi, Arċisqof ta' Buenos Aires, jismu Jorge Mario... Ġorġ... bħall-Patrun tagħna, bħall-bidwi tal-Mulej li ħareġ jaħdem l-għalqa tad-dwieli tiegħu. U l-isem il-ġdid li għażel bħala Suċċessur ta' Pietru m'għandux preċedenti fl-istorja... Franġisku, bħall-Fqajjar ta' Assisi li fuq spallejh żamm il-Knisja milli taqa', bħaċ-ċkejken u umli riformatur tad-Dgħajsa ta' Pietru li ppriedka l-Vanġelu billi għexu sa l-inqas virgola.

Żidna nifirħu meta ftit ġranet wara l-Inawgurazzjoni tal-Pontifikat fid-19 ta' Marzu, San Ġużepp, smajna li l-Papa l-ġdid – li jippreferi jsejjaħ lilu nnifsu l-Isqof ta' Ruma – kien għażel lil Mons. Alfred Xuereb biex ikun is-Segretarju Personali tiegħu. Din hi prassi aċċettata fil-Kurja Rumana: dak li jkun serva bħala t-tieni segretarju fil-pontifikat ta' qabel, jintgħażel, ta' l-inqas għall-ewwel xhur tal-pontifikat suċċessiv, bħala s-segretarju tal-Papa, biex fi ftit kliem jgħinu jsib postu. U ngħiduha kif inhi, il-Papa Franġisku ma damx ma sab postu, bl-ewwel deċiżjoni tkun dik li jgħix ħajja iżjed 'komuni' fid-Dar *Santa Marta* flok fil-Palazz Appostoliku.

Issa isem il-Papa Franġisku nisimgħuh kuljum fit-Talba Ewkaristika tal-Quddiesa. Hemm xi saċerdoti tagħna li diġà kellhom l-opportunità sabiħa li jqaddsu miegħu. Imma iktar minn hekk, inħossuna magħqudin ma' dan il-Papa, li fl-ewwel mitt jum tal-pontifikat tiegħu, diġà tana x'nifhmu biżżejjed liema huma l-għażliet preferenzjali tiegħu... favur il-foqra, dawk li jinsabu fil-periferija, imma wkoll favur Knisja qrib il-poplu tagħha, għalliema bil-kelma sempliċi li kulħadd jifhem... Ragħaj li xxommha mill-bogħod fuqu r-riħa tan-nagħaġ tiegħu!

# Nifirħu

- Is-seminarista Mario Curmi, mill-parroċċa tax-Xagħra, li bejn Ottubru 2013 u Settembru 2014 qed jagħmel esperjenza pastorali fil-parroċċa tagħna, li nhar il-Ħadd 24 ta' Frar 2013 irċieva l-ministeru tal-Lettorat minn idejn l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fil-knisja parrokkjali ta' San Girgor il-Kbir u l-Madonna tas-Sokkors, Ta' Kercem.



- Monsinjur Alfred Xuereb, li f'Marzu 2013 ġie kkonfermat bħala Segretarju Personali tal-Papa. Wara l-elezzjoni, f'Marzu, tal-Kardinal Arġentin Jorge Mario Bergoglio SJ bħala s-Suċċessur ta' Pietru, smajna bil-konferma ta' Mons. Xuereb, saċerdot mill-parroċċa tagħna, bħala Segretarju Personali tal-Qdusija Tiegħu. Anzi, waqt li Mons. Xuereb sa ftit xhur ilu kien iservi bħala t-tieni segretarju – wara Mons. George Gänswein – ta' Benedittu XVI, issa hu qed jaqdi r-rwol importanti ta' l-eqreb segretarju tal-Papa. Hija prassi fil-Palazz Pontifiċju li t-tieni segretarju tal-Papa ta' qabel jintgħażel bħala l-ewwel segretarju personali tal-Papa l-ġdid, biex jiffaċilita iżjed il-perjodu ta' transizzjoni bejn iż-żewġ papiet. Mons. Xuereb ilu mill-1995 jagħti servizz lill-Knisja fi ħdan is-Santa Sede f'Ruma. Kien uffiċċjal tas-Segreterija ta' l-Istat, rappreżentant tal-Vatikan fin-Nunzjatura Appostolika ta' Ottawa, uffiċċjal tal-Prefettura tal-Palazz Appostoliku fis-Segreterija tal-Prefett, *Prelato di Anticamera Pontificia*, *Prelato d'onore di Sua Santità* fejn ħadem qrib ħafna ta' Ġwanni Pawlu II, u dan l-aħħar fis-Segreterija Partikulari tal-Qdusija Tiegħu bħala t-tieni segretarju personali tal-Papa.



- Il-*Victoria Scout Group*, li f'April 2013 fakkar il-ħamsin anniversarju tat-twaqqif tiegħu. Iċ-ċerimonja uffiċjali ta' l-inawgurazzjoni tal-Grupp kienet saret fit-13 ta' Lulju 1963. L-ewwel attività li ġiet organizzata bħala tifkira ta' dan l-anniversarju kienet Quddiesa fil-Bażilika ta' San Ġorġ, nhar il-Ħadd 27 ta' Jannar 2013. Il-Grupp iltaqa' fil-Kwartieri tiegħu fi Triq Santa Dminka u mmarċja lejn il-Bażilika, fejn il-Kappillan tal-Grupp, Mons. Ġużeppi Farrugia, mexxa Quddiesa, li tulha l-membri, flimkien mal-*Group Scout Leader*, ġeddew il-Wegħda ta' l-*Iscouts*. Miegħu kkonċelebra l-Kan. Ġwann Muscat, Kappillan tal-Fontana. Fi tmiem il-Quddies, il-GSL Lorrie Saliba ppreżenta tifkira lill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. Kienu preżenti għall-Quddiesa membri tal-Kunsill tal-Grupp kif ukoll qraba tal-membri. Wara, sar riċiviment ta' l-okkażjoni fir-Refettorju Parrokkjali.



# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Diċembru 2012 - Marzu 2013



*Andrew Formosa*

andrew.formosa@gmail.com

**» 6 ta' Diċembru**

**05.30pm:** Inżammet fil-Bażilika l-ewwel Ċelebrazzjoni ta' l-Avvent għat-tfal tal-parroċċa, b'riflessjonijiet dwar iż-żmien liturġiku ppreżentati lit-tfal permezz ta' l-awdjo kif ukoll filmati u stampi.

**» 14 ta' Diċembru**

**05.30pm:** Inżammet fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia* l-ewwel minn serje ta' tlet laqgħat għal-letturi, il-kanturi u dawk responsabbli mill-animazzjoni tal-Quddies fil-parroċċa, inizjattiva interessanti tal-parroċċa għas-Sena tal-Fidi. Il-laqgħa tmexxiet minn Mons. Renato Borg u kellha t-tema *Il-Ministeru tal-Kelma: Aspetti Bibliċi u Teoloġiċi*.

**» 15-22 ta' Diċembru**

**06.00pm:** Saret in-Novena tal-Milied għat-tfal u l-familja, li din is-sena daret mat-tema tal-*Ministeri Ekkleżjali fil-Ġrajja tal-Persunaġġi tal-Milied*. Fil-ħin ta' l-omelija saru mimi qosra bi spjega dwar it-tema ta-ġurnata, u ġie li ntużaw ukoll filmati u simboli. Tħejja wkoll kartellun kbir li fuqu kull ġurnata twaħħlu mit-tfal preżenti *stickers* tal-persunaġġi differenti. Tul id-disat ijiem, wara t-Tqarbin, tkantat l-*Alma Redemptoris Mater* miċ-ċkejkna Martina Galea, li minn din is-sena ħadet post Francis J. Camilleri fil-kant ta' din l-antifona sabiħa Marjana. Kuljum it-tfal kienu jingħataw borża ħelu kif ukoll *stickers* tal-persunaġġi li fl-aħħar inġabru fi ktejjeb. Mons. George Grima mexxa l-ewwel ħamest ijiem tan-Novena, Patri Peter Paul Cachia OSA s-seba' jum, u Mons. Anton Borg is-sitt u t-tmien jum. In-Novena kienet animata mill-Grupp tal-Kitarri taħt id-direzzjoni ta' Monica M. Parnis.

**» 16-24 ta' Diċembru**

**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona ċċelebra l-Quddies tan-Novena għal kulħadd.

**» 16 ta' Diċembru**

**12.30pm:** Saret ikla tal-Milied fir-refettorju tad-Dar Parrokkjali organizzata mill-Fondazzjoni Belt Victoria b'*fund-raising* għall-proġett tal-Mużew ta -Bażilika.

**08.00pm:** Dun Joseph N Curmi, Vigarju Parrokkjali tan-Nadur, mexxa Quddiesa għall-Grupp ta' l-Adolexxenti f'għar fix-Xagħra. Wara saret ikla tal-Milied f'ristorant Marsalforn.

**08.00pm:** Inżammet il-ħmistax-il edizzjoni tal-Kunċert tal-Milied tal-*Chorus Urbanus*, taħt id-direzzjoni ta' Dr John Galea, li fiha ġiet esegwita l-*Coronation Mass* ta' W.A. Mozart. F'din l-okkażjoni Mons. Ġużeppi Gauci, fundatur tal-Kor, inħatar direttur spiritwali tiegħu.

**» 23 ta' Diċembru**

**07.00pm:** L-aħħar Quddiesa tan-Novena għat-tfal u l-familja tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. Fi tmiemha saret Ċelebrazzjoni sabiħa ta' Għeluq in-Novena bis-sehem tat-tfal tal-parroċċa, li kienet tinkludi kant ta' innijiet tal-Milied mill-istudenti ċkejknin ta' l-Iskola Primarja tal-Belt Victoria tal-Kulleġġ ta' Għawdex, taħt id-direzzjoni ta' Mary Grace Xuereb, kif ukoll mill-Grupp tal-Kitarri; daqq ta' mużika strumentali tal-Milied minn orkestrina ta' tfal taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo; u qari ta' poeżiji tal-Milied u ittri miktuba mit-tfal lil Ġesù Bambin. Ittellgħet ukoll rappreżentazzjoni tal-ġrajja tal-Milied li kienet tiġbor fiha l-persunaġġi kollha tal-Milied li ffurmaw it-tema tad-disat ijiem tal-Novena. Iċ-ċelebrazzjoni ntemmet bil-Barka Sagramentali u t-tberik tal-Bambini quddiem il-Presepju tal-Bażilika. Fil-Quddiesa saret ukoll il-vestizzjoni ta' tliet abbatini ġodda tal-Bażilika: George Abela, Karl Curmi u Nicholas Vella. Wara, kulħadd ingħaqad fis-Sala Parrokkjali għal *party* tal-Milied.

**» 24 ta' Diċembru**

**04.30pm:** L-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa l-Ewwel Għasar Solenni tat-Twelid tal-Mulej, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.

**11.30pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa l-Liturġija Solenni tal-Vġili tal-Milied, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, li fetħet bil-kant tal-Matutin u l-Uffiċċju tal-Qari. Wara, l-abbati tal-Bażilika Mark Mizzi għamel il-Priedka tat-Tifel, u l-liturġija kompliet bil-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl.



**» 25 ta' Diċembru**

**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa l-Pontifikal Solenni tal-Milied, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.

**» 27 ta' Diċembru**

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-solennità Lateranensi ta' San Ġwann Appostlu.

**» 28 ta' Diċembru**

**05.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Quddiesa f'għar fix-Xagħra għall-Gruppi ta' l-Abbatini u l-Vokazzjonijiet, flimkien mal-ġenituri tagħhom, li kompliet

b'ikla flimkien f'ristorant Marsalforn. Kienu preżenti wkoll membri tal-*Piccolo Gruppo di Cristo* minn Ruma.

**» 31 ta' Diċembru 2012**

**05.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa l-Pontifikal Solenni ta' l-Aħħar tas-Sena, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, li fi tmiemu tkanta t-*Te Deum* b'radd il-ħajr għas-sena ċivili 2013.

**08.00pm:** Mons. Anton Borg, Vigarju Parrokkjali, mexxa Adorazzjoni Solenni ta' Radd il-Ħajr għas-sena li kienet qed tintemm.

**» 1 ta' Jannar 2013**

**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Pontifikal Solenni ta' l-Ewwel tas-Sena, solennità ta' Omm Alla, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, li fih sar il-bdil ta' l-awguri bejnu u bejn il-Kapitlu.



**» 3 ta' Jannar**

Saret ħarġa għal Malta għall-Gruppi ta' l-Adolexxenti, l-Abbatini u l-Vokazzjonijiet.

**» 4 ta' Jannar**

**07.30pm:** Fid-Dar Parrokkjali sar ir-Riċeviment Annwali tal-Milied għall-kollaboraturi u l-benefatturi tal-parroċċa.

**» 6 ta' Jannar**

**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa l-Pontifikal Solenni ta' l-Epifanija tal-Mulej, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, li fih saret ukoll it-Tħabbira Solenni tal-Festi Liturġiċi tas-sena. Wara saret ikla għall-kleru fir-refettorju tad-Dar Parrokkjali. Fil-liturġiji solenni kollha taż-żmien liturġiku tal-Milied kanta l-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo.

**» 9 ta' Jannar**

**07.00pm:** Il-grupp vokali Russu *Posolon* tella' kunċert *a cappella* fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**» 18 ta' Jannar**

**08.00pm:** Il-Grupp ta' l-Adolexxenti attenda għal ċelebrazzjoni ta' talb fl-Oratorju Don Bosco bi tħejjija għall-festa ta' San Ġwann Bosco.

**» 20 ta' Jannar**

**11.00am:** Mons. Emanuel Curmi mexxa Quddiesa għall-persuni b'diżabbiltà residenti f'*Dar Arka*, Għajnsielem, u wara saret ikla għalihom fid-Dar Parrokkjali offruta, bħal kull sena, mill-parroċċa ta' San Ġorġ.

**» 23 ta' Jannar**

**11.00am:** L-Onor. Dr Chris Said, Ministru tal-Ġustizzja, il-Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja, żar is-sit tal-Mużew *Il-Ħaġar* fejn ix-xogħol kien wasal fl-aħħar fażi tiegħu, u ppreżenta wkoll ċekk bħala għajnuna finanzjarja għal dan il-proġett.

**» 25 ta' Jannar**

**05.30pm:** Inżammet it-tieni laqgħa ta' formazzjoni għal-letturi, animaturi u kanturi tal-parroċċa, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*. Il-laqgħa tmexxiet minn Dun Joseph Bajada u kellha t-tema *Il-Formazzjoni tal-Letturi*.

**» 27 ta' Jannar**

**11.00am:** Fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tal-*Victoria Scout Group*, Mons. Ġużeppi Farrugia, Kappillan tal-Grupp, mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Bażilika, li għaliha kienu preżenti l-uffiċjali u l-membri kbar u żgħar tal-Grupp. Ikkonċelebra wkoll il-Kan. John Muscat, Kappillan tal-Fontana. Fi tmiem il-Quddiesa, il-GSL Lorrie Saliba ppreżenta tifkira lill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. Wara sar riċeviment fid-Dar Parrokkjali.

**04.30pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Kappella ta' l-Oratorju Don Bosco nhar il-festa tal-qaddis, li kienet animata mill-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*.

**» 10 ta' Frar**

**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl Missierna.

**» 11 ta' Frar**

Nhar it-tifkira liturġika ta' l-ewwel Dehra tal-Verġni Mbierka f'Lourdes, fil-għodu, ħarġet l-aħbar mill-Vatikan li l-Papa Benedittu XVI waqt Konċistorju mal-Kardinali kien għarrafhom li, minħabba raġunijiet ta' saħħa, kien iddeċieda li jirriżenja mill-Pontifikat Ruman fit-28 ta' Frar 2013. Il-parroċċa mill-ewwel issieħbet mal-Knisja Universali f'talb għall-Qdusija Tiegħu.

**» 12, 14-15 ta' Frar**

**06.00pm:** L-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa t-tlitt ijiem ta' Tridu bi tħejjija għall-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes.

**» 13 ta' Frar**

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, li fiha sar ir-Rit tar-Rmied fil-bidu tar-Randan Imqaddes.

**» 14 ta' Frar**

**05.30pm:** Saret l-ewwel Ċelebrazzjoni tar-Randan għat-tfal fis-Sala Parrokkjali, immexxija minn Antonella Zammit, li ntemmet bil-Barka Ewkaristika.

**» 15 ta' Frar**

**05.00pm:** Inżammet it-tielet laqgħa għal-letturi, animaturi u kanturi tal-parroċċa, li tmexxiet minn Dun Nazju Borg, Kappillan ta' San Lawrenz, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, bit-tema *L-Ambone u x-Xandir tal-Kelma ta' Alla*.

**» 16 ta' Frar**

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fil-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes, li fi tmiemha sar pellegrinaġġ *aux flambeaux* bl-istatwa tal-Madonna mat-toroq ta' madwar il-Bażilika, li ntemm bil-Barka Ewkaristika.

**» 18-22 ta' Frar**

**07.30pm:** Sar l-ewwel kors ta' Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan fil-parroċċa, li kien għall-koppji miżżewġa, u tmexxa minn Patri Philip Cutajar OFMCAP.

**» 22 ta' Frar**

**06.30pm:** Fetaħ il-programm ta' ċelebrazzjonijiet organizzati mill-Fondazzjoni Belt Victoria fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tal-Mużew tal-Bażilika *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*, b'serata fi Pjazza San Ġorġ f'għeħ il-Kan. Ġann Piet Franġisk De Soldanis li s-sena l-oħra fakkarna tliet mitt sena minn twelidu. Is-serata nżammet f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria, u fiha saru diskorsi minn Dr Paul G. Pisani KM u mis-Sindku tal-Belt Victoria Dr Samuel Azzopardi, waqt li l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona kixef lapida kommemorattiva maħduma fl-irħam u l-bronż.

**» 23 ta' Frar**

**09.30am:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* laqgħet il-wasla ta' Dr Lawrence Gonzi, Prim Ministru, bid-daqq ta' l-Innu Malti fi Pjazza San Ġorġ, għaċ-ċerimonja inawgurali tal-Mużew *Il-Ħaġar*. Saru diskorsi minn Antoine Vassallo, President tal-Fondazzjoni u *Project Leader,* kif ukoll mill-Prim Ministru. Tkanta l-Innu Malti mill-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*, u eżatt wara nfetaħ uffiċjalment il-Mużew mill-Prim Ministru u tbierek mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof Djoċesan u Dekan tal-Kolleġġjata, li wkoll għamel diskors żgħir. Wara, sar riċeviment fuq il-bejt tal-Mużew il-ġdid.

**08.00pm:** Il-Kor Pontifiċju tal-*Cappella Sistina* u l-*Pueri Cantores* taw kunċert ta' mużika sagra, *Supra Fundamentum Apostolorum*, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, taħt id-direzzjoni ta' Mons. Massimo Palombella SDB. Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* ħa sehem ukoll f'dan il-kunċert billi minn fuq il-Gallarija ta' l-Orgni kanta flimkien tal-Kor tal-Papa l-innu kwareżimali *Attende Domine*. Dan kien l-aħħar kunċert pubbliku tas-*Sistina* fi żmien il-pontifikat ta' Benedittu XVI, u t-tielet wieħed fl-istorja li sar fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Wara l-kunċert sar ukoll kxif ta' lapida kommemorattiva mal-ħajt tal-Bażilika minn Mons. Palombella. Għall-kunċert, barra l-Isqof Grech, kienu preżenti wkoll Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju ta' Malta, u Mons. Filippo Colnago, *Charges d'Affairs* tan-Nunzjatura Appostolika. Il-kunċert fetaħ b'diskors ta' l-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia, Kordinatur tal-Proġett u Kuratur tal-Mużew, u għalaq b'ieħor ta' Mons. Isqof Grech.

**» 24 ta' Frar**

**10.30am:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* għamlet marċ minn quddiem is-sede tagħha fi Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ fejn hemm il-Mużew *Il-Ħaġar*.

**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Pontifikal Solenni ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Mużew il-ġdid tal-Bażilika, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, li fih ikkonċelebra Mons. Filippo Colnago, *Charges d'Affairs* tan-Nunzjatura Appostolika f'Malta.

**01.00pm:** Sar Pranzu Ċelebrattiv fil-Lukanda *Ta' Ċenċ*, Ta' Sannat, li għalih kienu mistiedna l-membri u l-benefatturi tal-Fondazzjoni Belt Victoria.

**» 25 ta' Frar – 1 ta' Marzu**

**04.15pm:** Saru l-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan għal kulħadd mill-Kan. Mikiel Borg.

**» 1 ta' Marzu**

Il-Quddies kollu fil-Bażilika kien *pro eligendo Summo Pontifice* hekk kif jum qabel kienet bdiet uffiċjalment is-Sede Vakanti tal-Pontifikat Ruman. Dan wara li l-Papa Beneditttu XVI irriżenja fit-28 ta' Frar. Fil-Bażilika sar talb għalih u tqiegħed ukoll kwadru b'ritratt tiegħu fuq il-presbiterju.



**» 1-3 ta' Marzu**

Ġew organizzati *live-ins* tar-Randan separati għaż-żewġ Gruppi ta' l-Adoloxxenti, fid-Dar ta' San Ġużepp, Għajnsielem, bis-sehem ta' diversi kelliema u b'għadd ta' attivitajiet.

**» 7 ta' Marzu**

**05.30pm:** Saret it-tieni Ċelebrazzjoni tar-Randan għat-tfal fis-Sala Parrokkjali.



**» 8 ta' Marzu**

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitulu l-kleru, fil-festa parrokkjali tal-Liżar ta' Kristu, li għaliha nħarġet fuq l-Altar ta' San Lazzru l-kopja identika tal-Liżar ta' Turin li għandha l-Bażilika.

**07.00pm:** Dun Savio Vella SDB ta taħdita awdjo-viżiva dwar il-Liżar ta' Kristu fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**» 11-14 ta' Marzu**

**08.00pm:** Sar it-tielet kors ta' Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan, dak għall-adolexxenti, minn Patri Mark Demanuele MSSP.

**» 14 ta' Marzu**

**07.06pm:** Id-daħna bajda miċ-ċumnija tal-Kappella Sistina ħabbret li l-Kardinali miġbura f'Konklavi sa minn jum qabel kienu għażlu Papa ġdid. Il-qniepen tal-Bażilika Ġorġjana dritt ħabbru dan b'mota solenni. Fit-8.20pm, wara t-tħabbira solenni ta' l-*Habemus Papam*, deher ħiereġ fuq il-Gallarija tal-Bażilika ta' San Pietru l-Vigarju ġdid ta' Kristu, il-Papa Franġisku. Il-Grupp ta' l-Adolexxenti tal-parroċċa, miġbur kif kien għall-Eżerċizzi tar-Randan, segwa l-ġrajja storika minn fuq skrin kbir fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

» **15 ta' Marzu**
**06.00pm:** Mons. Giovanni Bosco Cremona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fil-bidu tas-Settiena tad-Duluri. Il-pellegrinaġġ Marjan ma sarx minħabba l-maltemp Is-Settiena tad-Duluri fil-jiem ta' wara tmexxiet minn Mons. Cremona stess. Fil-Bażilika nħarġet għall-qima l-istatwa tad-Duluri, kif fil-ġimgħat ta' qabel tar-Randan kienu qed jinħarġu l-vari l-oħra tal-Passjoni.
» **18-21 ta' Marzu**
**04.15pm:** Fis-Sala Parrokkjali sar l-aħħar sett ta' Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan, dak għat-tfal, li tmexxa mid-Djaknu Gabriel Gauci.
» **19 ta' Marzu**
**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-solennità ta' San Ġużepp.
» **23 ta' Marzu**
**08.00pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* tellgħet il-Kunċert tagħha tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Bażilika, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur il-Prof. Joseph Vella, bis-sehem tal-Kor *Laudate Pueri.*
» **24 ta' Marzu**
**10.40am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa r-Rit tat-Tberik tal-Palm u ż-Żebbuġ fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Ġakbu, fejn ħadu sehem it-tfal bil-friegħi taż-żebbuġ f'idejhom.
**11.00am:** L-Arċipriet mexxa l-Konċelebrazzjoni Solenni tal-Passjoni tal-Mulej, bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru, li fiha sar il-qari tal-Passju.
» **25 ta' Marzu**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani Konventwali.
**06.45pm:** Sar pellegrinġġ penitenzjali bl-istatwa tar-Redentur mill-knisja tal-Franġiskani Konventwali, bis-sehem tal-Fratellenza tal-Kurċifiss, li ntemm fil-Bażilika bil-Barka Ewkaristika.
» **26 ta' Marzu**
**06.30pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Ċelebrazzjoni Penitenzjali li fiha saret l-Ewwel Qrara lit-tfal tal-parroċċa li kienu ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina aktar tard fis-sena.
**08.30pm:** Inżamment bħas-soltu l-Ikla tal-Mulej bir-rit tas-*Seder* fil-Dar Parrokkjali, organizzata mill-Grupp *23four>>*.
» **27 ta' Marzu**
**07.00pm:** Sar il-kant solenni ta' l-Għasar mill-Kapitlu.
**08.00pm:** Saret il-*Via Crucis* fi Pjazza San Ġorġ, immexxija minn Mons. Isqof Mario Grech, akkumpanjat mill-kleru tal-parroċċa, fejn inħarġet il-Vara l-Kbira fil-bieb tal-Bażilika. Din is-sena t-test ta' l-istazzjonijiet kien ibbażat fuq il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, fl-okkażjoni tas-Sena tal-Fidi, u nqara minn kategoriji differenti tal-parroċċa. Ħa sehem ukoll il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri.*
» **28 ta' Marzu**
**05.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fit-Tifkira Solenni ta' l-Ikla tal-Mulej, li fiha sar il-ħasil tar-riġlejn, u fi tmiemha t-Trasłazzjoni tas-Santissmu Sagrament lejn l-Altar tar-Repożizzjoni fil-Kappella ta' Ġesù u Marija.
**06.30pm:** Bdiet ħierġa l-Purċissjoni Penitenzjali tal-Passjoni mill-Bażilika ta' San Ġorġ, li fiha din is-sena ġiet imżanżna l-istatwa l-ġdida tar-Redentur, xogħol fl-injam ta' Micheal u Adonai Camilleri Cauchi. Għall-ewwel darba wkoll il-purċissjoni fetħet b'misteru ġdid tal-Passjoni, ix-xbieha ta' l-Għuda tas-Salib, 'mislufa' mill-istatwa ta' Ġesù u Marija, li wkoll inġarret fuq l-ispallejn bħal statwi oħra. Iżżanżnu wkoll sett ta' konfratiji ġodda għar-reffiegħa tal-ktajjen, bil-barnużi u l-kurduni magħhom. Ħadu sehem il-Banda Ċittadina *La Stella*, il-Kor *Laudate Pueri*, il-Banda *Konti Ruġġieru* tar-Rabat ta' Malta u l-i*Scouts Group* tal-Marsa.
» **29 ta' Marzu**
**08.00pm:** Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ċċelebra l-Liturġija tas-Sigħat quddiem l-Altar tar-Repożizzjoni.
**09.00am:** Il-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss organizzat iż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes fir-Rabat.
**10.00am:** Saret *Via Crucis* għall-Grupp ta' l-Adolexxenti fuq l-Għolja ta' Għammar.
**03.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa l-Liturġija Solenni ta' l-Adorazzjoni tas-Salib, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.
» **30 ta' Marzu**
**08.00am:** Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ċċelebra l-Liturġija tas-Sigħat.
**08.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa l-Liturġija Solenni tal-Lejl Qaddis ta' l-Għid, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru. Il-liturġija fetħet bil-Mixegħla tal-Blandun fi Pjazza San Ġorġ, u kompliet bil-Liturġija tal-Kelma, il-Liturġija tal-Magħmudija li fiha ġiet mgħammda t-tarbija Clara Xuereb, u l-Liturġija Ewkaristika.
» **31 ta' Marzu**
**08.45am:** Ħarġet mill-Bażilika d-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxort, bis-sehem tal-Banda Ċittadina *La Stella.*
**11.00am:** L-E.T. Mons. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa l-Pontifikal Solenni ta' l-Għid tal-Mulej, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru. Fi tmiem il-Quddiesa, l-Isqof ippreżenta mitra tal-Papa Benedittu XVI lill-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia, Kuratur, biex titqiegħed għall-wiri fil-Mużew *Il-Ħaġar – Heart of Gozo.* Wara, sar it-tqassim tal-figolli mill-Isqof lit-tfal. Dawn il-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid ġew animati mill-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri.*
**01.00pm:** Sar il-Pranzu ta' l-Għid għall-membri tal-kleru fid-Dar Parrokkjali.
**03.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona beda t-Tberik tal-Familji għal żmien l-Għid.





Il-Blandun Paskwali magħmul mix-xama' tan-naħal, li din is-sena sar b'disinni ta' Dun Roberto Gauci.



L-istatwa l-ġdida tar-Redentur, xogħol fl-injam ta' Michael u Adonai Camilleri Cauchi, li żżanznet għall-ewwel darba fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, fl-ewwel laqgħa tiegħu mal-Papa Franġisku, April 2013. Jidher fl-isfond Mons. Alfred Xuereb, Segretarju tal-Papa [hajr: *L'Osservatore Romano*].



# PRINCEPS MARTYRUM



*"Princeps Martyrum"* issejjaħlek
il-Knisja universali;
inħeġġeġ lill-pinen kollha
jagħmlu l-almu u jaqbdu bħali
lil dal-kbir Martri ta' Lidda
jiktbu innu ta' tifħir,
għax il-post tiegħu fis-Sema
hu tassew mill-aktar kbir.
Anki fil-gżejjer minn tagħna
ismu żgur fuq fomm kulħadd,
u l-imħabba l'għandna għal Ġorġi
ma tnin u tintefa qatt.
Fil-Belt Pinto, l-Belt Victoria
bnejnielu żewġ tempji kbar
illi fihom issib l-għaxqa
kemm l-adulti u kemm iż-żgħar!
U fit-tielet Ħadd ta' Lulju
beltna trid bil-ferħ ittir –
kulħadd bl-imħatra lil Ġorġi
min jagħtih l-aqwa tifħir.
L-emigranti sa minn kmieni
jiktbu l-*leave* għall-festa tagħna;
għal mument ix-xogħol iwarrbu
biex għid Ġorġi jaqsmu magħna.
Minn ġo Malta wkoll il-Qriema
jaqbżu s'Għawdex bla dewmien
biex jitgħaxxqu b'dan il-Martri
l'għandu kult mitluf fiż-żmien.
Tal-Armar iż-żgħażagħ kollha
jmiddu għonqhom b'serjetà;
lil triqatna jżejnu sewwa
bl-ogħla w l-ikbar dinjità.
Ma jonqosx in-nar tal-ajru,
tal-bhejjem it-tiġrijiet;
Tal-Istilla l-Banda tagħna
bl-aqwa w l-isbaħ marċijiet!
U xi ngħidu ġewwa l-knisja
b'Tal-Vers noti hekk ħelwin;
brazzi, dwal, damask mill-ifjen –
hawn issib il-ferħ ġenwin.
Niesna tieqaf u timmuta
quddiem xogħol il-Mastru Pawl;
din l-istatwa hekk tal-għaġeb
tgħammex għajnejna bid-dawl!
U meta l-Ħadd flgħaxija
mat-toroq toħroġ iddur,
dmugħ iġelben ma' ħaddejna
u l-qalb tagħna bil-ferħ tfur.
Ġorġi tagħna, Tribun qawwi,
hawn arana miġburin;
aħna wliedek: lilna irfed,
żommna dejjem magħqudin.
Sakemm dment għadna hawn isfel
ħarisna f'dal-wied tad-dmugħ;
ħabbibna mal-Missier Alla
biex imbagħad niġu ngawduh.

*Il-Belt Victoria, 2013*

**Kav. Joe M. Attard**

**Next Century Technology**
**NCT**
**Republic Str. Victoria, Gozo; Malta**
*21563094, 99005330, ncti@onvol.net*

Kafe'
SanĠorġ
**Pjazza San Ġorġ**
**Victoria**